**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 6 ta' Dicembru 2016.**

Rikors Guramentat Nru. 141 / 13RGM

Kawza fil-lista:

**T W nee` P**
**vs**
**B M**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi fl-1 ta' Awwissu 2003 twieldet it-tifla R M minn relazzjoni li kellhom il-partijiet dak iz-zmien

2. Illi r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet minn dejjem wahda bil-problemi minhabba partikolarment il-karattru aggressiv u iraxxibbli tal-konvenut u fil-fatt l-esponenti temmet din ir-relazzjoni u llum hija mizzewga ma' OW u ghandha wkoll tifel minn dan iz-zwieg.

3. Illi sas-sena 2011, l-imsemmija tifla minuri dejjem ghexet ma' l-esponenti u dan kien gie anke konfermat b'digriet moghti fis-27 ta' Mejju 2006 fejn din il-Qorti (diversament preseduta) kienet iddekretat li filwaqt li l-kura u kustodja legali tkun kongunta, t-tifla kellha tibqa tghix ma l-esponenti b'access liberu ghall-konvenut.

4. Illi din is-sitwazzjoni nbidlet drastikament f'Awwissu 2011 meta il-pulizija akkuzaw ingustament lil esponenti u lil zewgha OW li kienu hebbew ghat-tifla u li gabu rwiehhom b'mod li kkagunaw lit-tifla biza' li ser tintuza vjolenza kontra taghha. Il-Qorti tal-Magistrati ma sabithomx hatja dwar l-akkuza li hebbew ghat-tifla izda sabithom hatja tal-akkuza l-ohra, izda wara li huma appellaw, il-Qorti tal-Appell Kriminali, b'zewg sentenzi moghtija fl-20 ta' Settembru 2012, illiberathom anke minn din l-ahhar imputazjoni.

5. Illi minhabba l-proceduri kriminali fuq imsemmija, il-konvenut irnexxielu jottjeni l-kura u kustodja tal-imsemmija tifla u minkejja s-sentenzi liberatorji fuq riferiti, baqa' jirrifjuta li jghaddi lura lit-tifla fil-kura u kustodja fattwali tal-esponenti u sallum l-esponenti ghadha qed tara lit-tifla b'supervised access bi hlas barra l-ufficcji tal-Agenzija Appogg.

6. Illi l-esponenti tirritjeni li wara li rabbiet maghha t-tifla ghal tmien (8) snin u tenut kont li l-kura u kustodja fattwali tat-tifla tnehhitilha biss minhabba l-proceduri kriminali fuq imsemmija, li minnhom hi u zewgha gew kompletament liberati, ma hemm ebda raguni jew skuza ghaliex it-tifla m'ghandhiex tigi fdata lura f' idejha.

7. Illi inoltre din it-talba tal-esponenti hija msahha minn rapporti tas-social workers Reuben Vella u Marlene Agius, il-psikoterapista Lydia Busietta u l-Avukat tat-Tfal Mary Muscat.

8. Illi inoltre wkoll it-talba tal-esponenti hija fl-ahjar interess tal-minuri sija mill-lat edukattiv u sija mill-lat ta' sahha tal-istess tifla u wkoll minhabba l-karattru aggressiv tal-konvenut anke lejn it-tifla.

9. Illi l-esponenti ppruvat, tramite medjazzjoni, li tottjeni l-affldament tat-tifla izda din l-Onorabbli Qorti, peress li l-partijiet ma lahqux ftehim fl-istadju ta' medjazzjoni u peress li, kif qalet l-istess Qorti, l-istharrig necessarju bis-smigh tax-xiehda ma setax isir f'dak il-process, ghalqet il-medjazzjoni b'degriet moghti fit-13 ta'Mejju 2013 u awtorizzat lil partijiet sabiex jipprocedu fil-kontenzjus kif qed taghmel l-esponenti bl-istanza odjerna.

RAGUNI TAT-TALBA

Peress illi fl-1 ta' Awwissu 2003 twieldet it-tifla R M minn relazzjoni li kellhom il-partijiet dak iz-zmien.

Peress illi sas-sena 2011, it-tifla minuri baqghet dejjem fil-kura u kustodja fattwali tal-esponenti u dan kien gie anke konfermat b'degriet moghti fis-27 ta' Mejju 2006 fejn din il-Qorti (diversament preseduta) kienet iddekretat li filwaqt li l-kura u

kustodja legali tkun kongunta, t-tifla kellha tibqa' tghix ma l-esponenti b'access liberu ghall-konvenut.

Peress illi l-kura u kustodja fattwali tat-tifla giet mghoddija f'idejn il-konvenut minhabba akkuzi kriminali ngusti li saru fil-konfront tal-attrici u zewgha, minn liema akkuzi huma t-tnejn gew liberati b'sentenzi moghtija mill-Qorri ta' l-Appell Kriminali fl-20 ta' Settembru 2012.

Peress illi minkejja din il-liberazzjoni, l-konvenut baqa' jirrifjuta li jghaddi lura lill-attrici l-affidament tat-tifla.

Peress illi inoltre huwa fl-interess suprem tal-istess tifla li din terga tigi fdata f'idejn l-attrici, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Peress illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi b'din l-istanza b'degriet moghti fit-13 ta' Mejju 2013.

TALBIET

Illi jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tafda f'idejn l-attrici l-kura u kustodja legali ta' bint il-partijiet R M.

2. Fi kwalunkwe kaz tafda f'idejn l-attrici wkoll il-kura u kustodja fattwali tal-istess tifla minuri b'modalita ta' access xieraq favur il-konvenut.

3. Fl-eventwalita li tintlaqa t-tieni talba, tordna lill-konvenut sabiex ihallasha manteniment xieraq ghall-imsemmija tifla minuri.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

Illi it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Illi kontrajament ghal dak allegat mir-rikorrenti hija ir-rikorrenti, u mhux l-esponenti, li ghandha karattru aggressiv u rraxxibbli tant illi kienet vjolenti kemm il-darba, kemm fuq l-esponenti kif ukoll fuq binthom minuri R, kif ukoll hija r-rikorrenti li tiggieled ma' kulhadd sahansitra anke ma' hutha stess.

Illi f'Awwissu 2011 kien wara li l-omm stess rat it-tifla taghmel certu mossi sesswali li t-tifla qaltilha li rat fuq il-kompjuter u imbaghad instabet il-

pornografija flimkien mal-kartuns tat-tifla fid-dar fejn tghix l-omm flimkien ma' zewgha Horace. In oltre instab ukoll filmat li juri lir-rikorrenti u zewgha Ojikkoregu t-tifla R bl-uzu tal-imgharfa tal-injam u jumiljawha billi jidhku biha u sahansitra jiffilmjawha meta tkun imbezza minnhom. Illi kienu f'dawn ic-cirkustanzi illi dina l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta, deherilha illi il-kura u l-kustodja kellha tkun f' idejn l-esponenti missier, it-tifla tkompli tigi segwita mill-Clinical Psychologist tal-Appogg Veronica Ellul u l-omm jkollha supervised access ghat-tifla u dan dejjem fl-ahjar interess tat-tifla minuri R, u mhux kif qed tirrittjeni r-rikorrenti omm semplicement ghaliex kien hemm proceduri kriminali.

Illi illum il-gurnata t-tifla ilha aktar minn sentejn tghix ma' missierha f'kamra ghaliha biss fid-dar tan-nanna paterna liema kamra u dar raw il-haddiema socjali tal-Appogg u kienu sodisfatti bl-ambjent tal-istess u t-tifla ma jonqosha xejn u qieghdha tghix hajja trankwilla mdawrha bl-imhabba ta' missierha u membri tal-familja paterna.

Illi ghalhekk in vista tal-premess u ghal ragunijiet ohra li ser jigu ppruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-esponenti umilment jissottometti li ma jkunx l-ahjar interess tal-minuri stess li l-kura u l-kustodja tigi fdata f'idejn ir-rikorrenti u mhux f'idejn l-intimat kif inhi prezentement u konsegwentement it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2013 fejn il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-atti kollha tat-tlett medjazzjonijiet bin-numri rispettivi 1038/11,1209/12 u 392/13; innominat lill-Avukat Dottor Stephanie Galea bhala Avukat tal-Minuri u nnominat bhalla Assistant Gudizzjarju lill-Avukat Dottor Kenneth Gulia;

Rat l-affidavit tal-attrici mahluf fit-4 ta' Dicembru 2013;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-20 ta' Settembru 2012 fejn l-attrici giet liberata minn kull akkuza kriminali;

Rat id-digriet ta' dina l-Qorti tas-26 ta' Dicembru 2013 li ordnat il-hinijiet ghall-access 'pendente lite' li l-attrici jkollha ghall-minuri R M;

Rat ix-xiehda ta' Sister Frances Galea Head ta' St Dorothy's Junior School ta' Haz-Zebbug, u ta' Marlene Agius, Social Worker, li xehdu fis-seduta tal-5 ta' Frar 2014 mizmuma mill-Assistant Gudizzjarju;

Rat ix-xiehda ta' Ruth Cassar, ghalliema f'St Dorothy Junior School Zebbug, li xehdet fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2014, mizmuma mill-Assistant Gudizzjarju;

Rat x-xiehda tal-Psikologa, Veronica Ellul msejha mill-Qorti li xehdet fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2014; u d-digriet li nghata seduta stante fejn il-Qorti nnominat bhala Systemic Family Therapist/Family Mediator lil Carmen Delicata;

Rat ix-xiehda ta' Lydia Busietta, psikoterapista, li xehdet fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2014, mizmuma mill-Assistant Gudizzjarju;

Rat in-nota tat-Terapista tal-Familja Carmen Delicata pprezentata fis-26 ta' Novembru 2014;

Rat x-xiehda ta' Reuben Vella, Social Worker, li xehed fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2014, mizmuma mill-Assistant Gudizzjarju;

Rat id-diversi rapporti ppreparati mis-Social Worker Marlene Agius, skond id-digriet moghti fis-26 ta' Dicembru 2013; u ta' Dottor Mary Muscat, l-Avukat tat-tfal, li xehdet fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2015, mizmuma mill-Assistant Gudizzjarju;

Rat l-affidavit ta' OW, mahluf fl-20 ta' Marzu 2015;

Rat ix-xiehda tal-Ispettur Grazziella Buhagiar Muscat, li xehdet fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2015 mizmuma mill-Assistant Gudizzjarju;

Rat ir-rapport tal-Perit Psikologa, Carmen Sammut. Ipprezentat fl-1 ta' Settembru 2015; u x-xiehda taghha moghtija fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2015;

Rat in-nota konguntiva tal-partijiet, ipprezentat fl-4 ta' Dicembru 2015 fejn qablu dwar il-hinijiet tal-access tal-attrici ghat-tifla minuri R M ghall-festi tal-Milied u ta' L-Ewwel tas-Sena;

Rat l-affidavit tal-konvenut B M ipprezentat b'nota tal-11 ta' Dicembru 2015;

Rat x-xiehda ta' Roderick M, hu l-konvenut, li xehed fl-14 ta' Jannar 2016, l-kontro-ezami tal-konvenut u d-digriet moghti fl-istess seduta dwar l-access ghal-minuri 'pendente lite';

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici pprezentata fis-26 ta' Mejju 2016 u dik responsiva tal-konvenut ipprezentata fis-26 ta' Lulju 2016;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

IL-PROVI.

**L-attrici T W** fl-affidavit taghha mahluf fl-4 ta' Dicembru 2013, Fol 35 et seq, iddikjarat li xi tnax il-sena qabel kienet bdiet tohrog mal-konvenut, B M u wara xaharejn harget tqila. Fil-bidu hu kien ferhan u kien jghinha izda wara li qal lil ommu beda l-inkwiet. Hi tghid li hu jisma' hafna minn ommu li tittrattah ta' tifel zghir. Tghid li ommu mill-ewwel ma haditx grazzja maghha billi hasbet li kienet ser tohodilha lil binha u skond hi ommu bdiet ixxewwex lil binha ghaliha. It-tnejn kellhom 24 sena u wara xaharejn l-konvenut minn guvni gentili sar aggressiv, jitlalu malajr u dejjem jiggieled.

Kienu jghixu flimkien u kienet tiehu notament ta' kull ma tixtri minn ghand tal-grocer ghax kien jrid jkun jaf x'nefqet. Kien jaqbad maghha fuq kull haga ta' xejn u dejjem isib okkazzjoni biex jsawwatha. Tghid li wara li jkun mar jara lil ommu kien jkun irrabbjat ghaliha u kien jaqla' glieda fuq l-anqas haga, anke jekk isib il-hwejjeg maghazulin mal-art ghall-hasil. Meta kienet tghidlu li ommu qed timlih ghaliha kien jghidilha li hi mignuna u dejjem tahseb hazin. Tghid li ommu kienet iccemplilha tghajjarha u tghidilha tmur tibla il-kalmanti. Tghid li waqt it-tqala kellhom hafna incidenti ta' glied izda hi dejjem bezghat iddahhal lill-Pulizija. Meta kienet f'xi okkazzjoni ser iccemplilhom hu kien jzzommha.

Fil-bidu tar-relazzjoni qaltlu li meta kellha biss tlettax-il sena kienet giet stuprata, u hu din aktar tard fir-relazzjoni uzaha fuqha billi kien jabbuzaha sesswalment.

Darba kellha appuntament ghand il-ginekologa u sakkarha gewwa, meta rnexxhielha titlaq habtet bil-karozza tant kienet mifxula. Meta kellha seba' xhur tqala qalibha fl-art ghal dahrha ghand ommha, mara kwieta, u billi missierha mejjet ma kienx hemm min jieqaflu. Xi jumejn wara li welldet lit-tifla R rega refa' idejh fuqha, izda hi kienet tibza' tirrapporta. Lit-tifla irregistrata 'unknown father' fuq insistenza tieghu, billi ommu taghtu l-parir biex jsir hekk biex hi tkun tista tircievi l-beneficcji socjali.

Meta t-tifla kienet ghadha tarbija u kienet tqum tikbi bil-lejl hu kien "iqum jidghi, jerfahha u jezziza min gol-cot u jghid li hu jrid jqum kmieni ghax-xoghol". Il-glied u s-swat kienu xi haga ta' kuljum, kien jsuq bl-addocc anke bit-tarbija fil-karozza, kien jajjaraha mignuna u li ma kienet tajba ghal xejn. It-tifla kienet toghxa bil-biki meta kien ghad ghandha biss hames xhur u kienet tara lill-missierha isawwat lill-ommha. Hi kienet tibza minnu u kienet tissopporti billi kien jeddidha li johodilha t-tifla jekk titilqu. Darba meta it-tifla kellha sitt xhur ma

felhitx izjed, kellhom glieda, marret ghal hwejjigha, ghalqilha subajha gol-gwardarobba u bl-ghajnuna tal-Pulizzija rnexxhielha titlaq u marret go shelter jismu 'Tereza Spinelli' il-Belt. Beda jassikuraha li kien ser jinbidel u li ma riedx jitlifha u wara xahar regghet marret mieghu, pero` wara gimgha rega' beda l-inkwiet u meta t-tifla kellha disa' xhur regghet marret x-shelter u wara ftit marret tghix ghand ommha. Hallieha bla flus, ma kellhiex biex tixtri ghall-htigijiet tat-tarbija. Ma kkomunikax maghha ghal sena shiha. Hu beda proceduri ta' medjazzjoni, irrikonoxxa t-tifla b'Att Pubbliku, u beda jippretendi li jaraha. Minhabba il-karattru aggressiv tieghu ma riditx li t-tifla tkun wahedha mieghu ghalhekk beda jaraha fl-Agenzija Appogg. Talbitu manteniment ghat-tifla, taha biss darbtejn xi ghoxrin lira.

It-tifla ma kinitx trid taf bih billi ma kinitx tafu, kien jakkuza lilha li kienet qed ixxewwex lit-tifla, li kellha anqas minn sentejn. L-access ghal-ewwel kien jsir mill-Appogg u wara beda jsir mill-Ghassa ta' Hal-Qormi. It-tifla kienet taghamillu x-xenati, hafna biki, ma riedtix tmur mieghu tant li anke il-Pulizzija kienu jghidulu biex ma johodhiex. Hi kienet tipprova idderiha ghall-fatt li hu kien missierha biex ma thosshiex anqas minn tfal ohra. Izda hu baqa' ma nbidilx, ma kienx jinteressa ruhhu fl-iskola u fis-sahha tat-tifla. Dejjem hi hadet hsieb ta' kollox, partikolarment l-echo test billi it-tifla kellha difett zghir f'qalbha. It-tifla tbati ukoll minn 'atopic eczema' jkollha il-bococ fuq gisimha u jkollha il-hakk. Ghnadha bzonn certu lotion kull jum u tinhasel b'likwidu specjali. Tuza tlett tipi ta' creams u tiehu certa mistura. Meta tkun mieghu ma jfakkarhiex biex taghmel l-creams, u kemm ilha mieghu l-eczema marret ghall-aghar.

Hi tghid li ghal tmien snin shah rabbiet lit-tifla wahedha bl-ghajnuna ta' ommha. Kienet tibghatha pre school St Joseph Hal-Qormi biex tithallat ma' tfal ohra billi kienet wahedha u kienet thallsilha LM115 kull tlett xhur. Bdiet lis-skola St Dorothy's Haz-Zebbug, kienet tiddekika hafna hin maghha u waqt li kienet ghadha fil-Kinder qabditha 'bacterial meningitis' u kienet toqghod maghha lejl u nhar fl-Isptar fejn damet gimgha shiha. Hu ma tilifx gurnata xoghol u mar jaraha xi darbtejn, u kien jaqla' l-inkwiet tant li n-nurses gieli keccewh. Darba ohra t-tifla kellha chest infection, ghamlet gimgha l-Isptar u qatt ma mar jaraha.

Fis-sena 2006 ltaqghet ma' guvni, OW li illum hu zewgha. Dan kien accettaha lit-tifla u kien attivament jippartecipa fl-attivitajiet tat-tifla, kien jmur Parent's Day, concerts tal-iskola u jghinha fil-homework. It-tifla saret tafdah. Ma missierha t-tifla qatt ma kellha l-ghaqda ta' bejn missier u l-bint, kienet relazzjoni ta' biza billi spiss kien jghajjat maghha. Meta r-relazzjoni taghha ma' Osaret wahda permanenti l-konvenut irvilla u l-anqas ried li t-tifla tkun fil-presenza ta' Horace. F'Mejju 2006 kien gie ordnat ihllas mantenimet ta' LM80 fix-xahar u nofs l-ispejjes ta' skola u ta' sahha, beda jhallashom bil-battikati u meta sar jaf li hi kienet ser tizzewweg beda jfalli fil-hlas tal-manteniment. Darba fuq hekk kellhom

argument ,habbatha mal-hajt, kellha xi tbengil, ghamlet certifikat mediku u spiccaw l-Ghassa.

Darba it-tifla qaltilha li omm B kienet turiha films pornografici fuq il-computer, u meta bdiet ssemmi certi dettalji kemm hi kif ukoll Oikkonkludew li kienet qed tghid il-verita'. Inkwetaw, kellmu lill-avukat li qalilhom biex ikellmu lil tal-Appogg. Tkellmu ma' zewg Social Workers, Gweneth Grech u Catriona li qalulha biex tmexxi bil-Pulizija. L-avukat qalilha biex ma tigrix billi l-proceduri fil-Qorti jistghu jkunu trawmatici fuq it-tifla. Ghal xi zmien t-tifla qatt ma qaltilha li gara xi haga izda darba qaltilha li missierha u nannietha kienu jaghajtulha, juruha pornografija, jgellugha tinza u jmissulha il-parti privata taghha. Kienu jirabbjaw maghha jekk tirrifjuta u n-nanna kienet turiha l-imgharfa tal-injam biex issawatha biha. Anke lill-kugini in-nanna kienet igaghahom jinzaw, u jmissu lil R fil-parti privata taghha. Qaltilha li missierha u n-nanna kienu "joqghdu gharwenin quddiem xulxin", qalet li it-tifla ddeskriviet sider in-nanna u li kienet tmissha u xi drabi girfitha.

Tkellmet mas-Social Worker, Gweneth, billi inkwetat d'dak li qaltilha t-tifla u billi hasset li l-affarjiet kienu qed jaggravaw ddecidiet li tipprocedi. Kellhom ilestu rapport tal-Agenzija Appogg li hi kellha tiffirmah. Baghatu ghaliha d-Depot tal-Pulizija u ghamlet stqarrija dwar dak li qaltilha t-tifla. L-istqarrija li ghamlet fil-21 ta' Gunju 2011 hi annessa u markata Dok D. Il-kas tmexxa mill-Ispettur Grazziella Muscat. Il-Pulizija kellmu lit-tifla fil-presenza tal-psikologa tal-Appogg, Veronica Ellul. L-attrici tghid li kienet tinkwieta billi meta t-tifla tkun ghand il-missier hi ma tkunx taf x'qed jigri, u meta t-tifla kienet tghidilha li ghamlulha l-istess kienet tibki u ccempel lill-Ispettur biex tmexxi billi t-tifla ma tistax tibqa sejra hekk.

Kemm l-Ispettur kif ukoll l-psikologa qalulha li t-tifla qaltihom xi haga, pero' mhux daqs kemm kienet qaltilhom hi. L-attrici bdiet tinkwieta li jahsbu li ma kinitx qed tghid il-verita' u meta tkellmet mal-Ispettur din issuggeriet li tirrikordjaha. Hekk ghamlet u ddikjarat li dan r-recording kienet ser tipprezentah aktar tard.

L-attrici ddikjarat li s-social workers, Gweneth u Catriona kienu jghidu li t-tifla kienet qed tghid dak li kienet tirrakkonta lilha, mentri l-Ispettur u l-Psikologa kienu jghidu li t-tifla ma kinitx qed tghid bizzejjed. Dawn kellmu lill-attrici u lit-tifla fl-ufficcju tal-Appogg. Lill-attrici qalulha li kienu elevaw il-computer tal-missier izda ma sabu xejn, irrizulta li n-nanna kellha dwiefer qosra u mhux twal u l-computer ma kienx fil-kamra li qalet t-tifla. L-Ispettur qaltilha li t-tifla vera giet abbuzata izda mhux minn missierha u n-nanna u talbitha spjegazzjoni. Din kienet xi haga tal-iskantament ghall-attrici billi hi dejjem qalet dak li kienet tghidilha t-tifla.

Minn dakinhar ‘l quddiem tal-Appogg bidlu kompletament l-atteggjament taghhom fil-konfront tal-attrici, meta titlobhom l-ghajnuna kienu jaqtghulha fil-qasir u wara xi zmien l-Ispettur talbet lilha u lil zewgha Ojikkonsenjaw il-computer taghhom, li ghamlu bla biza ta’ xejn.

Wara xi zmien baghtu ghalihom, l-ewwel kellmu lit-tifla, li damet hafna, wara kellmu lil Oghal ftit minuti biss u wara kellmu lill-attrici. L-Ispettur b’certu ton intimidanti qalet lill-attrici li ma sabu xejn fil-computer ta’ B M, u f’hin minnhom ordnat lill-pulizija li kien hemm biex jnizzilha isfel. L-attrici l-anqas biss kellha idea li kienet qed tigi arrestata u giet akkuzata li ghamlet rapport falz kontra missier it-tifla u ommu. L-attrici f’dak iz-zmien kellha sitt xhur tqala. Tressqet b’urgenza il-Qorti fit- 8pm fuq filmat li kienet hebbet ghat-tifla. Wara li giet arrestata ma ratx lit-tifla ghal aktar min xahar, l-anqas kienet taf x’sar minnha u meta ressquha il-Qorti quddiem il-Magistrat Scerri Herrera saret taf li lit-tifla baghtuha ghand il-missier. Giet ordnata li ma tikkomunikax mat-tifla lanqas tramite terza persuna. Ghaddiet minn perjodu ta’ zmien difficli hafna, billi giet mcahda minn bintha li qatt ma raqdet gurnata wahda ‘l boghod minnha, u li t-tifla hassitha abbandunata minn ommha bla ebda spjegazzjoni u fil-kustodja ta’ min hi kienet allegat abbuz fuqha.

Il-filmat li ressquha fuqu kien ta’ 4 snin qabel meta t-tifla kellha 4 snin u minn dak iz-zmien nbidel l-istil ta’ kif tikkoregiha, illum hu izjed effettiv bhala punishment jekk ma thallihiex tara xi programm favorit taghha. Mentri fil-filmat, kienu fuq picnic u t-tifla habtitha biex tiekol u l-omm kienet tidher taghti daqqa fuq il-mejda b’imgharfa tal-injam, u b’idejha taghtha daqqa zghira fuq in-naha ta’ wara ta’ rasha.

Wara d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati l-omm nghatat access pero’ b’supervizjoni. Ma rnexxhielhiex tinghata social worker mill-Appogg u kellha tqabbad wiehed privat, u ghalhekk kienet taraha darba fil-gimgha biss ghax ma setghatx thallas aktar minn Euro 35 fil-gimgha. Kellhom hafna problemi fl-access, billi kienu jiltaqghu hdejn il-bandli, fix-xitwa gieli kienet taghmel ix-xita, kienet talbet lill-konvenut, permezz tas-social worker Reuben Vella, li l-access jsir fid-dar taghha izda il-konvenut irrifjuta. Hi tghid li hu qatt ma ikkorrobora u kellha taghmel rikors biex tibda tara lit-tifla d-dar.

F’Dicembru 2011 l-attrici welldet tifel. Ghamlet zmien ma tarax lit-tifla billi minhabba l-kesha ta’ barra u t-tarbija ma kienx possibbli li jiltaqghu, wara bdew jiltaqghu fil-karozza erba’ minn nies billi kienet tmur ommha wkoll biex tara lil R. Kellha tqabbad lill-Psikoterapista Lydia Busietta billi kienet ghaddejja minn zmien difficili hafna mill-aspett emozjonali.

Waqt il-kawza kriminali tqabbdet il-Psikologa Veronica Ellul, li l-attrici tghid haditha kontriha. Qaltilha li jekk tiltaqa' mat-tifla taghmlilha l-hsara u qaltilha li hi sadista. Meta kienet tara lit-tifla mas-social worker kienet tinnota li t-tifla kienet imbezza' hafna minn missierha u li kienet tixtieq tmur lura ghand ommha. Kienet tibza titkellem, u kienet tghid li missierha qalilha li ghandu pappagall jismu Zazu li jghidlu kollox. It-tifla kienet tghid li missierha kien jghajjat hafna maghha u kien ikun aggressiv, anke meta kien jwassalha ghall-visit kien jkun irrabbjat u gieli hataf lis-social worker. L-attrici tghid li t-tifla ma ghandhiex relazzjoni tajba ma' missierha u ommu u tibza' hafna minnhom. Fid-dar ma ghandhomx post ghaliha, u kemm-il darba raqdet fl-istess sodda ma' missierha. Gieli raqdet ukoll barra mid-dar ghand xi tlett minn nies differenti. Billi kullhadd jahdem, anke in-nanna, johorgu kmieni ghax-xoghol u lit-tifla tqum kmieni billi johoduha maghhom, jwassluha ghand it-tfajla ta' huh u x'hin isir il-hin twassalha l-iskola. It-tifla tqatta' hafna hin wahedha id-dar peress li kullhadd jahdem, ma ssib xejn lest u jkollha tiehu hsieb hi stess. Missierha jahdem fil-forn tal-hobz ikun aktar ix-xoghol milli d-dar. Hadd ma jghinha fil-homework u fl-istudju, kull tant toqghod maghha t-tfajla ta' huh meta tkun tista', kemm ilha ma missierha t-tifla marret lura fl-iskola.

It-tifla inghalqet fiha innifisha, ma tantx titkellem u ma tiftah qalbha ma' hadd, u dan skond l-attrici billi t-tifla giet ikkastigata wara li fethet qalbha ma' ommha. Kemm hi kif ukoll zewgha Horace, kienu gew illiberati mill-Qorti tal-Magistrati li hebbew ghat-tifla, pero' nstabu hatja li kkawzawlha biza' b'sentenza tal-21 ta' Novembru 2011. Appellaw u b'sentanza tal-20 ta' Settembru 2012, il-Qorti tal-Appell illiberathom minn kull akkuza. Ferhu hafna ghax hasbu li t-tifla kienet ser terga' tmur maghhom izda il-missier baqa' jinsisti li t-tifla tibqa' mieghu u li hi taraha bis-supervizjoni.

Hi u zewgha joqghodu fid-dar ta' ommha li hi armla, fid-dar hemm tlett kmamar tas-sodda. It-tifla R dejjem ghixhet f'din id-dar u sa minn meta kellha disa' xhur kellha il-kamra tas-sodda taghha. L-attrici kkonfermat li ma tahdhimx, billi t-tifel li welldet ghad ghandu sentejn u ghalhekk tista' tiddedika il-hin kollu ghall-htigijiet u l-bzonnijiet tat-tifla.

L-attrici meta xehdet quddiem il-Qorti fid-18 ta' Dicembru 2013 ikkonfermat li lit-tifla taraha darba fil-gimgha, qatt ma titlob gurnata partikolari biex ma jghidilhiex li ma jistax, u thalli f'idejn s-social worker, Marlene Agius biex tiftiehem il-gurnata mieghu. Hafna drabi tigborha hi stess u terga tirritornaha hi ukoll.

B'**Digriet tas-26 ta' Dicembru 2013,** Fol 105, din il-Qorti ordnat li 'pendente lite' l-access tal-attrici ghall-minuri R M jkun:

1. Nhar ta' Tnejn u nhar ta' Hamis mill-4.30pm sas-6pm, u

2. Alternattivament gimgha nhar ta' Sibt u gimgha nhar ta' Hadd mill-10am sal-4pm.

3. L-access hawn stabbilit ikun monitorat mill-haddiema socjali Marlene Agius u mhux aktar supervizjonat, u dana a spejjez provvizorjament tal-attrici. Il-haddiema socjali ghandha tippresenta f'dawn l-atti rapport kull xaharejn dwar l-andament tal-monitoragg minnha hekk kondott b'kopja lill-avukati tal-partijiet u a spejjes provizorjament tal-attrici.

4. Tinnomina mill-gdid lill-Avukat tat-Tfal Dr Mary Muscat sabiex taghmel sottomissjonijiet godda wara li tiehu konjizzjoni tal-istat attwali tal-minuri.

**Marlene Agius**, social worker, fir -rapport taghha tas-16 ta' Dicembru 2013 Dok MA Fol 119 ikkonfermat li kienet qed taghmel supervizjoni waqt l-access bejn il-minuri R M u ommha T W. Fit-23 ta' Mejju 2012 ghamlet referral lic-Child Protection Services (CPS) u rrapportat li t-tifla giet minghand missierha " with visible bruises on her shoulder, hands and legs and scalds on her chin during a number of access visits with her mother. The father's neglect of the child's skin condition and dental care were also reported."

Is-sitwazzjoni ddeterjorat fl-access li sar fit-12 ta' Dicembru 2013 meta marru il-Belt biex jaraw id-dekorazjonijiet tal-Milied u meta l-omm dahlet f'hanut it-tifla bdiet tghajjat li kulhadd jittrataha ta' zibel, li xebghet hajja u tixtieq tmur taqbez.

Is-social worker kellha l-intenzjoni li tinforma lill-missier biex jirriferiha ic-Child Guidance Unit, St Luke's Hospital. Meta kienet qed tiehu lura lill-minuri u qaltilha li jkollha tinforma lill-missierha, t-tifla bdiet tghajjat u tibki biex ma tghidx lil missierha li kien jikkastigha ghal gimgha shiha, jghajjat maghha, jghalaqha fil-kamra u ma jhallhiex tohrog ghal gimgha. Billi f'sena u ghaxar xhur qatt ma kienet rat lit-tifla tant agitata ddecidiet li lil missierha ma tghidlu xejn.

**Sister Frances Galea,** Head ta' St Dorothy's Junior School Zebbug, Fol 122, kkonfermat li R M li twieldet fl-1 ta' Awissu 2003 bdiet l-iskola minn Year 1 u issa qieghdha f'Year 6. Hi esebit r-record tal-monthly tests taghha mis-sena 2008 sa Jannar 2014. Hi kkofermat li f'certi suggetti t-tifla ghandha marki li huma average mentri f'suggetti hija below average pero' iddikjarat li "they fluctuate". Mir-rapporti u l-marki hemm registrati x-xhud ikkumentat "ma jidhirlix li hemm rigress fit-tifla".

Hi kkonfermat li f'Ottubru 2011 T W kienet urietha digriet tal-Qorti li hi awtorizzata tinghata informazzjoni dwar l-andament fl-iskola tat-tifla u ghalhekk minn dakinhar il' quddiem kienet tkellimha dwar l-iskola tat-tifla. L-omm kienet tghidilha li kienet tghin lit-tifla bil-homework. Lill-missier gieli ratu f'xi parents meeting bhal Parent's Day. Il-missier kien qalilha li kien gab lil xi hadd biex jassisti lit-tifla fil-homework. Hi kkonfermat li minn dak li rat deherilha li B M jiehu interess fl-edukazzjoni ta' bintu.

**Marlene Agius**, **social worker**, fix-xiehda taghha, (Fol 125 et seq, xehdet fis-seduta tal-5 ta' Frar 2014 mizmuma mill-Assistant Gudizzjarju), ikkonfermat li kien ilha minn Frar 2012 ssegwi *supervised access visits* bejn T W u bintha R. Qabel s-supervizjoni kienet issir minn social worker iehor u kienet bi hlas. Is-supervised visits li taghmel hi huma bi hlas da parti ta' T W. Il-visits qed isiru fuq talba ta' T. Fil-present dawn huma ta' darba fil-gimgha ghal erba' sieghat, u ta' kull vizta il-hlas hu ta' Euro 25.

Hi kienet l-ewwel tikkomunika mal-missier, tiftiehem gurnata mieghu u wara kienet tinforma lill-omm. Fil-passat kien hemm hafna okkazzjonijiet meta l-missier kien jhassar il-vizta fl-ahhar mument, daqqa kien jghid li t-tifla ma tiflahx, pero' ma pprezentax certifikat mediku, u drabi ohra minhabba impenji ohra li kellu. Meta kienet tigi kkancellata vizta kienet tirranga biex jaghmlu ohra, u waqt il-vizta t-tifla kienet tghidilhom li ma kienx vera li kienet ma tiflahx jew kellu x'jaghmel. Fil-vizta li kellha ssir fl-20 ta' Dicembru, il-missier cempillha biex jikkancella billi t-tifla kienet ma tiflahx, talbitu certifikat mediku, qalilha li ser jghaddih lill-Avukata, pero' ghandha c-certifikat mediku qatt ma wasal.

Ghalkemm lilha kien jghidilha li meta timrad it-tifla igibilha tabib it-tifla dan cahditu.

Hi ddikjarat li dan il-kaz kienet tiddiskutih mal-Psikologa Lydia Busietta. Ir-rwol taghha hu ta' supervision, u ghalhekk meta tinqala' xi kwistjoni bejn it-tifla u T, hi tkun bhal medjatrici. Hi kkonfermat li t-tifla kien ikollha hafna 'tantrums' u ghamlet referenza ghall-episodju mill-aktar serju li gara fit-12 ta' Dicembru 2013, meta marru il-Belt billi t-tifla xtaqet tara l-armar tal-Milied u l-hwienet. Ftiehmu li l-ewwel iduru l-hwienet u wara jmorru McDonalds, pero' meta wasal il-hin biex jmorru hemm it-tifla ma riditx tmur. Bdiet tghajjat u taghmel x-xenati f'nofs Triq ir-Repubblika u tghid li hadd ma jaghti kasha, li hi for sale u kullhadd jitrattha ta' zibel. Meta staqsietha min kien qed jitrattaha ta' zibel u jekk kinitx ommha, omm ommha jew l-istess social worker, irrispondiet li kien il-papa' u l-familja tieghu. It-tifla kienet agitata hafna. Bdiet tghid li xebghet minn hajjitha u li dak il-lejl stess riedet tmur taqbez. Ippruvaw jikkalmawha, u wara li bikkiet lil ommha t-tifla qisha ikkalmat. Hi hasset li kienet obbligata tinforma lill-missier u meta kienet qed twassal lura d-dar lit-tifla u qaltilha li xogholha kien li tinforma lil misser, it-

tifla bdiet tikbi, tghajjat u tolfoq u qaltilha li jekk ikun jaf missierha jaghtiha kastig, jghalaqha gimgha fil-kamra taghha, u billi ratha tant agitata ddecidiet li lil-missier ma tinfurmahx b'li gara.

Hi pero' infurmat lic-Child Protection Services, kif kienet ghamlet precedentement fit-2012 meta t-tifla kienet tigi ghall-visits b'hafna tbengil u burns f'wiccha.

Hi kkonfermat li t-tifla riedet tahbi u kienet bezghana, meta tistaqsiha fuqhom kenet iddawwar id-diskors. Hi qalet li dawn d-dbengil ma kienux ta' darba, pero' kien hemm perjodu ta' xhur, "forsi xahar, tnejn jew tlett xhur".

Marlene Agius, fir-rapport taghha tal-4 ta' Frar 2014 Fol 149, telenka d-diversi okkazzjonijiet, bejn Frar 2012 u Frar 2104 fejn t-tifla ddikjarat li kienet fizikament jew verbalment abbuzata min-nanna paterna. Dawn l-incidenti t-tifla kienet issemmihom meta kien isir l-access mill-omm taht s-supervizjoni tal-istess social worker. L-incidenti rapportati mit-tifla kienu s-segwenti:

14 ta' Ottubru 2012 Haley qalet li kienet fuq is-sodda u n-nanna paterna gidmitilha idejha.

17 ta' Novembru 2012 It-tifla ddikjarat li kellha argument man-nanna li kienet qed timbixha ghal xejn b'xejn. It-tifla urietha li kienet qed tiddejjaq u xorta baqghet tiffitha. R qalet li meta tikber ma tridx tibqa tghix man-nanna paterna u tixtieq terga' tmur tghix ma ommha, bhal meta kienet izghar.

1 ta' Dicembru 2012. It-tifla kienet qed taghsar laringa, waqghet ftit meraq mal-art u n-nanna rrabbjat hafna ghaliha u qaltilha "Igri ssib x'imkien fejn tmur, ha nehles minnek".

23 ta' Marzu 2013. In-nanna waqghet ghaz-zufjett lit-tifla quddiem qraba u hbieb, bdiet tghajjarha u taghtha daqqa fuq idejha.

30 ta' Marzu 2013. In-nanna hedded lit-tifla li jekk ma ggibx ruha sew tirraportha lill-Psikologa tal-Appogg Veronica Ellul.

3 ta' Mejju 2013. R qalet li n-nanna gidmitha fuq spallejha u hallietilha tbengila li baqghet tidher (certifikat mediku anness).

12 ta' Ottubru 2013. In-nanna rrabbjat ghall-ebda raguni qaltilha li hi ommha minn issa 'l quddiem, u li trid tghix maghha. In-nanna tkellmet b'mod dispreggjattiv fil-konfront ta' omm it-tifla.

18 ta' Jannar 2014. In-nanniet paterni tkellmu kontra omm it-tifla fil-presenza taghha.

Is-social worker ikkonkludiet r-rapport taghha billi ikkonfermat li t-tifla kienet tkun agitata hafna meta tirrakkonta dawn l-incidenti u wara kull vizta ma tkunx trid titlaq mid-dar ta' ommha u tghid li ma tridx tmur lura man-nanna paterna u trid toqghod ma' ommha. Kien hemm diversi okkazjonijiet meta s-social worker kien ikollha iccempel lil B M biex tghidlu li t-tifla ma tkunx trid titlaq ghalkemm il-hin jkun skada. It-tifla tidher li ma tafdax fin-nanna paterna u tidher li hi mbezza' minnha, u dan apparti l-incidenti specifici imsemmija.

**Ruth Cassar**, li hi ghalliema f'St Dorothy Junior School, Zebbug, ikkonfermat, Fol 172 et seq, li hi kienet tghallem lil-R fil-year 6 tal-Primarja cioe' mill-ahhar ta' Settembru 2013. Hi ezibiet bhala Dok RC print out tal-mid yearly results tat-tifla. Hi gabet marka below average fil-motivation u diligence. Dawk li kienu average kienu politeness, conduct, effort, emotional maturity, industry and initiative. Mistoqsija jekk l-iskola tipprovdix ghajnuna ghal min jkun batut f'xi suggett, irrispondiet li fl-iskola hemm complimentary teacher pero' ghall-Ingliz biss u R tmur ghandha. Hi ddikjarat li t-tifla " seems to be very happy" Fol 176 u meta tkun taf xi haga fil-klassi tkun l-ewwel wahda li tgholli subajha biex tirrispondi. Hi kkummentat li t-tifla "at times she seems lost in a world of her own". It-tifla xi drabi ma tkunx attenta fil-lesson u mohha ma jkunx hemm, pero' din ma tigrix spiss u ' more or less' bhal tfal ohra. L-attendenza hi tajba u regolari. Hi tmur regolarment ghand counsellor li jisimha Ms Stephanie.

Il-missier kien introducilha persuna bhala z-zija li tghinha fil-homework, din fil-fatt hi il-girlfriend ta' hu l-missier.

Marlene Agius, fl-ewwel rapport taghha dwar il-monitoring li hi ghamlet dwar l-andament tal-access mhux supervizjonat, tas-17 ta' April 2014 Fol 182, ikkonfermat li hemm relazzjoni stabbli u mutwali bejn l-omm u t-tifla, li dejjem tkun herqana tiltaqa' ma ommha u huha. Anke l-omm jidher li ghandha 'good parental skills' specjalment meta it-tifla 'exhibits tantrums'. L-omm rrilevat li t-tifla qed tkun liebsa hwejjeg qosra u tisthi tohrog liebsa dawn il-hwejjeg, u dwar dan xi drabi taghmel xenata. Gie rregistrat miljorament fl-attitudni tat-tifla fil-konfront ta' ommha, pero' billi t-tifla okkazjonalment ikollha 'random anger bouts and misbehaviour' rrakkomandat li t-tifla jkollha assistenza psikologika.

Fit-tieni rapport taghha, tas-16 ta' Gunju 2014, Marlene Agius, Fol 210 ikkonfermat r-relazzjoni ta' R ma' ommha qed tikber u ssir aktar stabbli u sikura. It-tifla bniet ukoll relazzjoni b'sahhitha ma' huha Nathan. L-attrici ikkonfermat li l-komportament tat-tifla immiljora b'access itwal billi dan jippermethielhom li jaqsmu certi attivitajiet. It-tifla tiddikjara li certi attivitajiet ta' svog ma' ommha

bhal 'cinema, beach u funparks' ma taghmilhomx ma' missierha. Hi nnotatat li xi drabi t-tifla tigi minn ghand missierha anzjuza, imbezza' u rrabbjata u ghalhekk tirrakkomanda li t-tifla jkollha assistenza psikologika.

**Veronica Ellul, Psikologa,** xehdet imsejjha mill-Qorti fl-1 ta' Lulju 2014 Fol 216 et seq. Hi kkonfermat li kienet telqet mill-Agenzija Appogg u kienet ghalqet il-kaz f'Marzu, cioe' erba xhur qabel. F'dak iz-zmien dehrilha li R kienet pjuttost stabbli u ghalhekk irrakkomandat li t-terapija tieqaf hemm. Hi kienet taf li t-tifla kienet qed issegwi l-counsellor tal-iskola u ghalhekk kellha ftit support psikologiku. F'kas ta' neccessita' l-genturi setghu dejjem jirrikorru ghand l-Agenzija Sedqa. Iddikjarat li probabilment aktar kien jaghmel sens family therapy.

Hi kkonfermat li kienet konxja mil-livell ta' konflitt bejn il-genituri dwar il-minuri, u ghalhekk jkun ahjar li s-sessjonijiet jsiru mat -tifla u l-genituri pero' separatament biex forsi fil-futur il-genituri isiebu mezz kif jibdew jikkorroboraw ma' xulxin. Mistoqsija mill-Qorti fl-opinjini professjonali taghha x'kien rakkomandabbli f'dak l-istadju, rrispondiet li jkun hemm 'a systemic therapist' u jsiru laqghat regolari mat-tifla kif ukoll mal-omm u mal-missier pero' separatament, u b'hekk it-terapista tkun tista' tikkoncentra mhux biss fuq l-individwi izda fuq in-nukleu familjari.

Hi kkonfermat li kellha kuntatt ma' R minn Gunju 2012 sa Frar 2014. Fil-bidu ghall-perjodu qasir kienet ghadha tghix ma ommha u wara bdiet tghix ma missierha. It-tifla maghha qatt ma esprimiet ruhha fuq il-genituri, pero' tahseb li kienet konxja mill-konflitt bejniethom. L-anqas riedet tiftah qalbha maghha dwar il-genituri, hi leali lejn iz-zewg genituri, thobbhom it-tnejn u ma riditx tikkummenta biex ma tpoggi lil hadd minnhom f'dell ikrah. Lilha t-tifla qatt ma qaltilha dwar xi tip ta' abbuz li sar fuqha, la minn naha u l-anqas minn ohra.

Marlene Agius, regghet xehdet fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2014, mizmuma mill-Assistant Gudizzjarju, Fol 226 et seq. Hi kkonfermat li waqt il-visits it-tifla kienet tkun aggressiva kemm verbalment kif ukoll fizikament. Hi kkonfermat li flimkien ma' T W kienet marret l-iskola tat-tifla, li dak iz-zmien ma tantx kienet sejra tajjeb fl-iskola. Irrizulta li kienet tghinha fil-homework il-girlfriend ta hu missierha, jisimha, Elaine, izda din l-ghajnuna ma kinitx regolari. Qablu mal-headmistress tal-iskola li t-tifla jkollha counsellor, pero' liha qatt ma kkuntattjawha dwar dan. Hi kkummentat fuq il-kontenut taz-zewg rapporti minnha ppresentati fis-17 ta' April 2014, Fol 241 u fis-16 ta'Gunju 2014,Fol 242. Hi rrilevat li t-tifla kienet qed tuza lingwagg li ma kienx adattat ghall-eta' taghha, u kienet sexual connotations, ta' 7 jew 8 snin staqsietha jekk il-boyfriend taghha kienx issawwatha. It-tifla kienet qaltilha li rat lill-missierha jerfa' idejh fuq il-partner li kellu dak iz-zmien. Ikkonfermat li t-tifla kienet tidghi u tghajjat bla ebda

raguni ta' xejn. Meta kellha l-ahhar supervised visit fil-15 ta' Frar 2014 marru passiggjata mal-omm u l-kelba u t-tifla kellha xi tghid ma' passer by li ma haditx pjacir bil-kelba. It-tifla saret aggressiva ma' din l-mara, bdiet tghajjat maghha u tghajjarha, 'she over- reacted'.

It-tifla kienet tibza hafna minn missierha. Meta kienet tara van bhal ta' missierha kienet tibza li missierha ra taghmel xi haga hazina. Darba fil-birthday l-attrici ghamlitilha l-make-up u nail polish, u qabel marret lura d-dar insistiet li tnehhihom ghax bezghet li missierha jghajjat maghha. Tibza' minn missierha jekk tasal tard wara is-supervised visit.

Fis-7 ta' Ottubru 2012 it-tifla kellha bzonn tmur il-Health Care Centre Floriana, gie missierha ghaliha biex jwassalha, kien irrabbjat u aggressiv mat-tifla, anka bil-mod kif jiftah il-bieba tal-karozza u jsabbatha. Saq b'velocita' eccessiva u lit-tifla werwirha. It-tabib ippreskriva xi medicina li l-missier qal li kien ser jixtri u wara rrizulta li lanqas xtara.

Kienet anke tibza' minn-nanna paterna. It-tifla qalet li n-nanna sawtitha jew gidmitha u l-omm fit-2 ta' Mejju 2013 haditha ghand tabiba ghal certifikat mediku dwar t-tbengil li kellha fuq spallejha li skond it-tifla ghamlithomlha n-nanna.

Hi kkonfermat li l-imgieba tat-tifla mill-ewwel rapport ghat-tieni rapport iddeterjorat, kellha aktar tantrums, tkun imbezza' u aggressiva. L-attivitajiet li t-tifla taghmel mal-omm ma taghamilhomx mal-missier. Hi rrakkomandat wkoll psychological intervention.

Marlene Agius, ikkummentat dwar il-preparazzjonijiet tat-tifla ghall-holiday ma' ommha barra minn Malta, Fol 252 bid-data 29 ta' Awissu 2014. Hi kkonfermat li t-tifla kienet kuntenta hafna b'din l-ahbar pero' ma hssithiex komda turi l-ferh taghha quddiem missierha u l-familja tieghu. It-tifla ddikjarat li kienet ser iggib ruhha sew u toqghod ma' ommha biex ma tintilifx. Kienet 'looking forward' biex torqod ghand ommha.

**Lydia Busietta, Psikoterapista,** Fol 258, ikkonfermat li l-attrici marret ghandha f'Awwissu 2011, billi t-tifla kienet allegat li missierha u n-nanna paterna kienu qed jabbuzawha sesswalment. F'dak iz-zmien it-tifla kienet tghix mal-omm. L-attrici rrikorriet ghandha billi hasset li kellha l-bzonn ta' ghajnuna u assistenza professjonali, billi kienet inkwetata hafna b'din is-sitwazzjoni. Hi kkonfermat li kemm l-Appogg kif ukoll il-Pulizija kienu gia' infurmati bil-kaz.

It-tifla kienet tghid lil ommha li missierha u n-nanna kienu juruha xi filmati fuq il-computer u fuq l-internet. F'session partikolari l-attrici qaltilha li l-Pulizija ma sabu xejn ghandu u kienet qed tibza li bdew jissusspettaw fiha. Wara li l-Pulizija

kienu hadu il-computer tal-attrici, sabu xi home videos u dwar wiehed minnhom l-attrici kienet qed tigi akkuzata li kienet qed tabbuza mit-tifla. Qabel ma giet akkuzata mill-Pulizija, l-attrici kienet qed tbati minn hafna anzjeta'. Darba cemplitilha Dr Veronique Dalli biex tghidilha li lill-attrici l-Pulizija zammewha l-Ghassa. Wara li ressquha l-Qorti l-attrici baqghet tmur ghandha u kienet taraha fiducjuza li t-tifla terga' tmur lura. Damet xi erba' gimghat qabel ma setghet tara lit-tifla taht supervision. Kien qed tbati b'hafna ansjeta' bis-separazzjoni mit-tifla. L-attrici kienet tmur ghandha minn Awissu 2011 sa Settembru 2012, fi zmien tlettax il-xahar marret ghandha xi 40 darba. Kienet thallas tal-konsulenzi. F'dak iz-zmien kienet tqila u f'Dicembru kellha tarbija mir-ragel taghha Horace.

Hi ddikjarat li kienet tghinha biex issib il-kuragg fiha nnifisha. Wara li nqatghet l-kawza hi kienet tispera li kollox ser jerga' lura ghan-normal u t-tifla terga tmur maghha, u meta ma garahax hekk, kienet trawma ohra ghaliha u kellha diffikultajiet kbar biex taccettaha. L-attrici baqghet sallum tmur ghandha ghas-support billi hi anzjuza fuq l-ezitu ta' din il-kawza fejn qed titlob li t-tifla terga' tmur maghha.

It-**Terapista tal-Familja, Carmen Delicata,** fin-nota taghha tas-26 ta' Novembru 2014, Fol 264 iddikjarat li l-iskop tal-laqghat ma kienx li jwassal lill-partijiet fi ftiehem izda biex jghinhom jikkommunikaw, u ghalkemm sar xi progress, il-fatt li hemm din il-kawza pendenti bejniethom qed ittellef mill-andament tat-terapija. In oltre l-konsulent legali tal-attrici informaha li l-klienta tieghu ma kinitx qieghda tafda fil-process ta' terapija, u billi ma kienx hemm bizzejjed fiducja talbet li tigi rilaxxjata mill-inkarigu.

**Marlene Agius** fir-rapport taghha tal-24 ta' Novembru 2014, Fol 274, ikkonfermat li t-tifla kienet kuntenta hafna bil-holiday li kellha ma' ommha, u titkellem dwar il-holiday b'entuzjasmu kbir. It-tifla esprimiet x-xewqa li tqatta' aktar hin ma' ommha, u jidher li l-omm u t-tifla ghandhom relazzjoni stabbli u sikura. It-tifla titkellem liberament ma' ommha fuq l-iskola u l-hbieb taghha. Recentement ma kellhiex marki tajbin l-iskola pero' lil missierha tibza tghidlu. L-omm offriet li tghinha fil-homework waqt l-access izda t-tifla rrifjutat. Hi kompliet tirrakkomanda ghajnuna psikologika ghat-tifla.

**Reuben Vella, Social Worker,** ikkonferma fix-xiehda tieghu, Fol 283, li Dr Veronique Dalli ghall-attrici, talbitu jaghti s-servizz tieghu ghall-supervised visits, bejn l-istess attrici u bintha R M. Hu pprovda dan is-servizz ghal erba' xhur mill-11 ta' Ottubru 2011 sal-4 ta' Frar 2012. Hu kkonferma bhala tieghu id-dokument li gie mmarkat Dok RV datat 15 ta' Gunju 2012. Ir-reazzjoni tat-tifla meta tiltaqa' ma ommha fis-supervised visits kienet pozitiva hafna billi hi dejjem kienet dejjem 'looking forward' li tiltaqa' ma ommha. It-tifla kienet tiddejjaq u tibda tibki meta kien jsir il-hin billi l-vizti kienu jkunu ghal siegha biss. Kienu qablu li anke omm

T tkun presenti ghall-vizti, biex jkun hemm aktar support ghat-tifla. Kienu jiltaqghu hdejn il-bandli fil-gnien ta' San Bastjan u xi drabi din kienet sitwazzjoni imbarazzanti. Hu kkonferma li kien hemm interaction bejn it-tifla u ommha. It-tifla kienet kuntenta bl-attenzjoni kemm ta' ommha kif ukoll tan-nanna materna. Wara t-twelied tat-tarbija l-laqghat bdew jsiru id-dar ta' T, billi ma setghux jibqghu jiltaqghu fil-gnien fix-xitwa. Hu kkonferma li t-tifla minn vizta ghal ohra kienet tghodd il-granet. Meta l-vizti bdew jsiru id-dar ta' T, r-ragel taghha OW kien ikun presenti u R kienet tiehu pjacir bil-presenza tieghu.

Ghall-ewwel R bit-twelid tat-tarbija rrealizzat li l-attenzjoni minn fuqha marret fuq it-tarbija, pero' r-reazzjoni taghha meta rat t-tarbija Nathan kienet wahda pozittiva; kienet anke tghin lill-ommha waqt il-feeding time u t-tibdil tan-nappies. It-tifla ddikjarat li kienet iddejqet li kellha taqsam is-sodda taghha ma' missierha, u kienet dejjem tistaqsi lill-ommha x'kien gara mill-kamra tas-sodda taghha  u l-ewwel darba li marret ghandha marret tara jekk l-kamra taghha kinitx ghadha hemmhekk. It-tifla kienet tghid li omm B M, n-nanna paterna taghha gieli sawtitha  u kellha il-marki fuq gisimha.

It-tifla kienet tghid li missierha kien jghidilha li hemm dan il-karattru ta' Zazu, li kull haga li kienet tghid lill-ommha dan kien jghidlu biha. It-tifla emmnitha din u ghalhekk kienet tibza titkellem, kienet tissuspetta li missierha kien ser issir jaf b'dak kollu li hi tkun qalet waqt il-visits. Hu kien assikuraha li dak li jintqal fil-vizti jibqa bejniethom. Kien hemm okkazzjonijiet meta t-tifla ma kinitx trid tmur lura ghand missierha, u r-reazzjoni ta' B M kienet tkun wahda nervuza. It-tifla lanqas kienet taccetta rigali minn ghand ommha billi kienet tibza mir-reazzjoni tal-familja ta' missierha.

L-ewwel darba li ltaqa' ma B M ddikjara li dan deher urtat u staqsih minn baghtu u x'ried. Hu kien urieh il-badge ta' Social Worker u pprova jikkalma s-sitwazzjoni. Hu kkonferma li maz-zmien l-imgieba ta' B M saret wahda tajba.

**Marlene Agius,** fir-rapport taghha tat-30 ta' Jannar 2015, Fol 293, ikkonfermat li r-relazzjoni bejn l-omm u t-tifla kienet dejjem qed timmiljora, hekk kif t-tifla kienet qed tqatta aktar hin ma' ommha. It-tifla kellha episodji ta' tantrums u tkun verbalment u fizikament aggressiva fil-konfront ta' ommha u huha z-zghir.

Fil-homework ghalkemm kellha min jghinha hasset li din l-assistenza ma kinitx sufficjenti u xahar qabel ma kellha l-half yearly exams kienet digja' ddikjarat li ma kinitx ser tghaddi f'certi soggetti u f'ohrajn kienet ser iggib marki baxxi.

Hi rrakkomandat li t-tifla jibqa' jkollha assistenza psikologika biex tikkontrolla 'her anger management and tantrums'.

**Dottor Mary Muscat** xehdet fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2015 mizmuma mill-Assistant Gudizzjarju, Fol 295. Hi kkonfermat li hi lecturer fl-Universita' u kienet Avukat tat-tfal mis-sena 2010 sas-sena 2013. Hi kkonfermat li r-rapport li qieghed fl-atti tal-medjazzjoni Numru 1038/11 ittra datata 29 ta' Dicembru 2011, kien rapport taghha. L-inkarigu li nghatat kien li tisma il-minuri R. Ma ftakritx jekk kinitx kellmet lill-missier, billi lit-tifla l-aktar li kellmet.

Mistoqsija jekk it-tifla kienet reticenti u b'nuqqas ta' koperazzjoni, minnhabba il-karattru fittizju, Zazu, pappagall invizibbli li jkun jaf b'dak kollu li jintqal, irrispondiet li dik l-attitudini tat-tfal hi 'standard' meta jsibu ruhhom il-Qorti jirrispondu ghad-domandi. Hi kkonfermat li t-tifla ma rieditx titkellem fuq dan il-karattru, semmiet il-kelma 'cheater' pero' rrifjuata li taghti spjegazzjoni xi tfisser, tant li ix-xhud ddikjarat li hadet l-impressjoni li t-tifla kienet qed tibza li Zazu kien presenti fil-kamra.

Fiz-zmien li t-tifla bdiet tnaqqas fil-marki fl-iskola kienet qed tghix mal-missier.

It-tifla tatha l-impressjoni li kienet qed timmissja lill-omha li kienet ilha ma taraha u lill-kelba. Meta kellmet lit-tifla rreallizzat li ma tantx kellha kuntatt ma' ommha, u kien biss wara certu zmiem li rrizultalha li kien hemm projbizzjoni mill-Qorti. Ghat-tifla kienet esperjenza trawmatika li f'daqqa wahda kien hemm din d-distanza u distakk minn ommha. It-tifla kienet ddikjarat li xtaqhet li ommha tkun maghha u ma tibqghax tghix ma missierha, pero' minghajr ma taghti raguni.

**OW**, fl-affidavit tieghu pprezentat anness ma' nota tal-24 ta' Marzu 2015 Fol 304 et seq, ikkonferma li kien ltaqa' mal-attrici xi tmien snin qabel, u dak iz-zmien it-tifla R digja kellha erba' snin. Ghamlu erba snin gharajjes u zzewwgu fil-31ta' Lulju 2010. T dak iz-zmien kienet tghix ma' ommha u t-tifla R fid-dar ta' omm l-attrici. Hu kkonferma li beda jghix ma' T wara z-zwieg u mhux qabel. Hu kien u ghadu jahdem bhala 'mushroom cultivator'. Iltaqa' mat-tifla wara xi hames xhur li kien ilu johrog mal-attrici. Kienu jiehduha maghhom jixtru.

Kienu johduha il-bandli, xi gurnata l-bahar u jieklu barra. Ghall-ewwel kienet misthija minnu pero' biz-zmien dratu, kienu jiccajtaw flimkien, jilghabu flimkien u rabbiet certa konfidenza mieghu. Hu kien jghinha fil-homework tal-Maths u T kienet tghinha fis-suggetti l-ohra. Hu kellu O level fil-Maths u l-Physics, seta' jghinha fil-homework u r-rizultati taghha kienu tajbin hafna. Dan kien qabel ma zzewweg lil T.

Xehed li l-konvenut kien jigi jaraha darbtejn fil-gimgha u fil-weekend, pero' l-vizti ma kienux fissi u regolari, gieli li ghamel xi gimgha ma jarahiex. Fil-bidu kien jitkellem maghha fl-entrata tad-dar ta' omm T, u meta rabbiet certa kunfidenza kienet tmur mieghu bil-karozza u jgibha lura. F'dan iz-zmien it-tifla

dejjem kienet torqod ma' T fid-dar ta' omm T. F'dak iz-zmien il-konvenut kien joqghod, kif ghadu sallum, ghand ommu f'Haz-Zebbug. Hu kien guvni u qatt ma izzewweg. Kien jahdem ghal rasu fix-xoghol tal-kostruzzjoni.

Hu ddikjara li wara li zzewweg lil T ir-relazzjoni tieghu ma' R marret ghall-ahjar billi kibret il-kunfidenza ta' bejniethom. Kienu jaqbu ma xulxin u jinku lil xulxin pero' dejjem fuq livell ta' cajt. Hu ddikjara li kellu tifel minn mara ohra li hu sentejn ikbar minn R u gieli harighom flimkien, kien johodhom ghand ommu, il-bandli jew l-ghalqa ta' missieru. Wara li zzewweg lil T, omm it-tifel ma hallietux jarah, u ghamel kwazi sentejn ma jarahx.

Sena u erba' xhur wara li zzewweg lil T kellhom tifel li twieled fil-5 ta' Dicembru 2011. It-tifel jismu Nathan u ghandu tlett snin. Xi hames xhur qabel izzewwgu hu u T hargu flimkien minghajr it-tifla, u meta rritornaw t-tifla staqsiet lill-ommha jekk kienux marru f'xi post tal-pastazi. L-ghada lit-tifla haduha il-bandli u hi hemmhekk ikkonfermat id-diskors li qalet lil ommha lejliet cioe` li dawn l-affarjiet kienet rathom fuq il-computer tan-nanna, omm B M. It-tifla tat dettalji ta' dak li kienet rat. Kienu kellmu lill-Avukat ta' dak iz-zmien li qalilhom li kellhom jaghmlu rapport lill-Pulizija u jdahhlu lill-Agenzija Appogg. Dan kien fiz-zmien qabel ma zzewwgu u billi t-tifla ma regghetx ghamlet dan it-tip ta' diskors il-kwistjoni kienet wafqet hammhekk. Pero' tlett xhur wara li zzewwgu, T qaltlu li t-tifla regghet bdiet issemmi l-affarjiet li kienet issemmi qabel.

Marru jiehdu parir minn ghand avukat iehor li kien qalilhom biex joqghodu attenti billi t-tifla ma kinitx bint Ou ghal xi zmien ma ghamlu xejn. Pero' T qaltlu li t-tifla baqghet tghidilha x'kienet qed tara fuq il-computer ta' nannitha, u li hi kienet tkun bla hwejjeg bhal kugini subien taghha, u ghalhekk iddecidew li jikkuntattjaw lil Agenzija Appogg, li heggew lil T biex taghmel kuntatt mal-Pulizija.

F'Awwissu 2011 meta T kellha hames xhur tqala bit-tifel Nathan, cemplitlu biex tghidlu li l-Pulizija riedet it-tower tal-computer taghhom. Telaq mix-xoghol u ha t-tower tal-computer d-Depot u hallih mar-reception. Xi hmistax wara baghtu ghalihom, lilu damu jinterviztawh mhux aktar minn ghaxar minuti, pero'  T damet aktar minn siegha. Ressqu lil T il-Qorti, tawha l-plegg bil-kundizzjoni li t-tifla tmur tghix ma' missierha u giet akkuzata bi vjolenza domestika. Xi tlett gimghat wara hu gie akkuzat bl-istess akkuzi li saru kontra T u deher flimkien ma' martu quddiem il-Magistrat Dottor Anthony Vella u b'sentenza tal-21 ta' Novembru 2011 gew liberati mill-akkuza li hebbew ghat-tifla, pero' gew misjuba hatja li bezzghu lit-tifla, appellaw  u l-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza tal-20 ta' Settembru 2012 illiberathom mill-akkuzi kollha.

Waqt il-kawza l-access tal-omm ghat-tifla kien jkun taht supervizzjoni u hu kien jevita li jkun prezenti. Wara li giet deciza il-kawza rega' beda jattendi u bil-mod

il-mod bdiet tikber il-fiducja tat-tifla lejh. It-tifla kienet tisma aktar minnu milli minn ommha. Il-komunikazzjoni tieghu mat-tifla marret ghal ahjar billi generalment kien jsuqha hu lura ghand missierha wara l-access. Meta jistaqsiha dwar l-iskola u l-hbieb hi ma taqtalux fil-qasir izda tkellmu u tinfurmah x'jkun qed jigri. Hu offra li jghinha fil-homework pero' hi ma kinitx iggib il-homework maghha. Hu ddikjara li kien jaf li r-rizultati taghha ma kienux tajbin hafna. Li kieku it-tifla kellha tirritorna ma' ommha dak li tixtieq kemm ommha kif ukoll hu stess, hi ghad ghandha il-kamra li kellha qabel billi t-tifel taghhom Nathan ghadu zghir u jorqod fil-kamra taghhom.

**L-Ispettur Graziella Buhagiar Muscat** xehdet fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2015, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, Fol 325. Hi kkonfermat li fit-2011 il-Korp tal-Pulizija kien rceva ittra minn ghand l-Agenzija Appogg dwar allegazzjonijiet ta' abbuz sesswali fuq il-minuri R M. L-allegazzjonijiet kienu qed isiru minn omm il-minuri T W u dawn kienu fis-sens li l-minuri kienet qed tigi abbuzata minn nanna paterna, Josephine M, fir-residenza taghha f'Haz-Zebbug. Baghtet ghal omm il-minuri, li ghamlet dikjarazzjoni ta' dak li kienet qaltilha t-tifla u minn hem bdew l-investigazzjonijiet. Ghamlet erba' sessions mal-minuri fil-presenza tal-psikologa tal-Agenzija Appogg, Veronica Ellul, pero' qatt ma wasslu ghall-konkluzjoni li kien hemm dan l-allegat abbuz. Arrestat lin-nanna paterna Josephine M u elevat il-computer li kien hemm fir-residenza taghha billi l-allegazzjoni kienet li kien qed jintwera lit-tifla materjal pornografiku fuq il-computer u dan fil-presenza ta' kugini zghar ta' R M. Meta arrestat lin-nanna paterna irrizultalha li din ma kellhiex idea kif thaddem computer, u c-Cybrecrime Unit li ezaminat l-computer sabet biss dghajjes, xejn kompromettenti. Billi ma rrizulta xejn kontra n-nanna kienet obbligata tirrilaxxjaha.

It-tifla kienet tirreferi ghan-nanna bhala l-mara il-hazina u lill-missierha bhala l-Wuwwu. F'dak iz-zmien t-tifla kienet qed tghix ma' ommha, r-ragel taghha, OW u n-nanna materna. F'dak iz-zmien t-tifla kellha 7 snin.
Wara li rrizultalha li ma kienx hemm kaz kontra n-nanna paterna, hi arrestat lil T W, billi dahlilha suspett li dawn l-allegazzjonijiet ta' R kienu qed isiru fid-dar fejn kienet qed tghix. Gie elevat il-computer mid-dar fejn kienet tghix R u kien hemm li nstab materjal pornografiku, u filmati tat-tifla R. Dwar dawn il-filmati tat-tifla eventwalment gew mressqa T W u OW fuq akkuzi ta' vjolenza domestika. Ma kienx hemm provi sodi biex tressaq lil xi hadd fuq sexual abuse. Filmat minnhom kien juri lit-tifla fuq il-beach, li kienet qed tibki u ommha u Okienu qed 'jitmellhu biha' u jiffilmjawha. Il-filmat l-iehor kien juri lil R li ma riditx tiekol u f'mument minnhom tidher mwerwra ghax ommha u Osemmewlha l-wooden spoon u bdew jaghtuha biha fuq idejha. Ressqiethom il-Qorti mhux fuq d-daqqiet izda fuq it-twerwir, billi f'dan il-filmat it-tifla deheret mwerwra mill-wooden spoon, u kien qisu li kienet gja ghaddiet minn xi esperjenza ohra infelici bil-wooden spoon.

Inghataw conditional discharge mill-Qorti tal-Magistrati filwaqt li l-Qorti tal-Appelli Kriminali illiberathom. Hi kkonfermat li waqt l-investigazzjoni T kienet qaltilha li t-tifla gieli kienet tkun wahedha fuq il-computer tad-dar.

Meta tressqu il-Qorti Ou T, peress li din kienet pregnant nghatat il-liberta' provvizorja u kienet harget ordni biex il-minuri tinzam mal-missier u n-nanna paterna.

In kontro-ezami ddikjarat li ma tiftakarx jekk s-social worker kinitx Gwenyth Grech. Hi dahhalha suspett fuq T u Obilli fil-computer li kien hemm fir-residenza taghhom sabu materjal pornografiku u psychologicl violence fuq it-tifla. Hi kkonfermat s-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati u tal-Appell Kriminali esebiti fil-kawza u li c-charges kienet hargithom hi.

Fir-rapport taghha, il-**Perita Psikologa, Carmen Sammut,** Fol 333, tikkonkludi li l-minuri R hi psikologikament u emozzjonalment vulnerabbli in vista tal-fatt li l-ġenituri taghha li hi tant xtaqet li tarahom jaqblu, dejjem jiggieldu u hafna drabi minhabba fiha.

Ir-rapport gie pprezentat fl-1 ta' Settembru 2015 u gie rakkomandat li ghal ftit xhur t-tifla tibqa' tghix mal-missier, b'access ghall-omm b'hinijiet itwal biex il-minuri jkollha l-possibilita' li ssahhah ir-relazzjonijiet taghha ma' hutha, cioe it-tfal li kellha ommha miz-zwieg taghha ma' OW. Wara sitt xhur s-sitwazzjoni ghandha tigi riveduta u jittiehdu decizzjonijiet dwar access u residenza skond il-bzonnijiet taghha u finalment irrakkomandat li R tibqa tircievi ghajnuna ta' terapija minn ghand Melissa Agius, bl-involviment taz-zewg genituri f'dan il-process.

Il-Psikologa Carmen Sammut, xehdet quddiem il-Qorti fit-12 ta' Novembru 2015 Fol 346 et seq. Hi kkonfermat li l-informazzjoni dwar l-involviment ta' Melissa Agius kien tahielha B M, pero' ghalkemm tkellmet maghha fuq it-telephone ghal xi nofs siegha l-konkluzjonijiet taghha kienu r-rizultat tal-assessment li ghamlet hi stess, wara li kellha numru ta' sessions mat-tifla. Hi qalet li hadd mill-partijiet ma semmhielha li Marlene Agius kienet involuta fil-kaz, kieku xi hadd minnhom semmieha kienet tikkomunika maghha. Hi kkonfermat li ma tkellmitx mal-iskola fejn tattendi il-minuri. Billi rrizultalha li t-tifla kienet emozzjonalment u psikologikament vulnerabbli ma kinitx sorpriza ghaliha li ma kinitx sejra tajjeb fl-iskola, kienet tkun sorpriza kieku kienet sejra tajjeb. Il-kwistjoni mhiex relatata ghall-fatt jekk qed tghix mal-missier jew mal-omm, izda hi r-rizultat tas-sitwazzjoni bejn l-omm u l-missier. Hi kkonfermat li l-ahhar li rat lit-tifla kien fit-23 ta' Lulju 2015 u kkonfermat r-rakkomandazzjoni taghha li s-sitwazzjoni tigi riveduta fi zmien sitt xhur, cioe' f'Dicembru.

Ir-rakkomandazzjoni saret fis-sens li ghall-ewwel tibqa' tghix mal-missier billi hemmhekk ma ghandhiex ghalfejn tikkompeti ghall-attenzjoni u ghas-sigurta' ma hutha ohrajn kif hu il-kaz fid-dar ta' ommha.

Hi kkonfermat li t-tifla ghadha qed tbati minn 'post trauma signs', ghadha thossha vulnerabbli u tbati mill-ansjeta' u l-incertezzi li kienet qed tbati sentejn qabel. It-tifla ghadha tixtieq lill-genituri flimkien, u thoss li hi r-responsabilita' taghha li tghaqqad lill-genituri, billi thoss li qed jiggieldu minhabba fiha. Hi kkonfermat li t-tifla ghandha bzonn hafna support, l-assistenza professjonali hi indispensabbli f'kazijiet simili.

Mistoqsija jekk logikament jaghmilx aktar sens li peress li l-missier matul il-gurnata jkun jahdem u ma jkunx id-dar, mentri l-omm ma tahdimx, dejjem d-dar u ghandha zewgt itfal, jkollhiex aktar attenzjoni R jekk tghix mal-omm, irrispondiet li ghalkem logikament dan jista' jaghmel sens, it-tifla tant hi insikura u incerta dwar is-sitwazzjoni taghha li kienet b'mod konsistenti qed tghid li tippreferi tibqa' fejn hi. Il-fatt li tkun gejja tarbija gdida tohloq ansjeta' u tohloq 'insecurity'.

Hi iddikjarat li t-terapista ghandha tkun accettabbli ghaz-zewg genituri, fin-nuqqas dan jista' jahdem kontra l-interess u l-gid tat-tifla. Jekk xi hadd mill-genituri mhux komdu b'din Melissa Agius, ghandha tigi nominata persuna li dwarha jaqblu iz-zewg genituri.

**Il-konvenut B M** ipprezenta l-affidavit tieghu anness ma' nota pprezentata fil-11 ta' Dicembru 2015 Fol 360 et seq. Hu kkonferma li xi tlettax il-sena qabel kellu relazzjoni ma' T P li wara tlett xhur inqabdet tqila u kellhom tifla, R M. Huma kienu jikkoabitaw f'Wied il-Ghajn, wara ftit xhur T wafqet tahdem, kienet tahdem mal-Methode, marru joqghodu ir-Rabat, pero' billi l-appartament kien zghir marru joqghodu Had-Dingli. Hu kellu jhallas il-pagamenti tal-karozza li kienet ghada kif xtrat billi wafqet mix-xoghol.

Hu jghid li mill-bidu nett ir-relazzjoni tieghu ma' T kienet wahda difficli billi hi kienet dejjem toggezzjona li jmur jara lill-ommu, li kienet tipprova tikkalmah u tghidlu li dan kien l-effett tat-tqala. Biex jikkuntentaha kien jevita li jmur ghand il-familja tieghu, pero' xorta wahda kienet taqbad mieghu u kienet tkun aggressiva. Kienet taqbad ittih waqt li kien qed isuq jew taghmel affarjiet tal-imgienen bhal tiftah il-bieba tal-karozza biex tohrog waqt li jkun qed isuq. Hut T kienu jghidulu li kienet aggressiva ma' kulhadd, kienet anke terfa' idejha fuq ommha u spiccat biex iggieldet ma' hutha kollha li sa fejn jaf hu ma tkellimhomx.

Fl-ewwel ta' Awissu 2003 fis-6 am, meta kienu joqghodu Had-Dingli twieldet it-tifla R. Fuq insistenza ta' T lill-ommu qalilha fis-6pm. Ommu kienet tipprovdi

ghall-htigijiet tat-tifla bhal hrieqi u halib u affarjiet ohra dejjem kif xtaqet T. Ommu kienet taghmel mieghu kif kienet taghmel ma' ohtu, pero' T baqghet iccahdu milli jmur jara lill-ommu jew li ommu kienet tmur tarahom. Meta kien jiehu l-affarjiet li xtratlu ommu kienet tghidlu 'mela ahna tal-karita'. Hi dejjem baqghet vjolenti meta jitlewmu kienet dejjem tkisser xi haga u tinsisti li jmur jixtri xi haga bhalha. Kien dejjem ikollhom argument fuq il-paga billi riedet tohodha kollha hi minghajr ma tiehu in konsiderazzjoni il-fatt li hu kien jhallas il-kera u il-loan tal-karozza billi hi ma baqghetx tahdem.

Meta kienu ser jghammdu lit-tifla, originarjament il-parrini kellhom jkunu missieru u omm T, izda tant kienet taqla' argumenti ghax ma riditx lill-missieru li fl-ahhar kellu jcedi u l-parrini kienu omm T u z-ziju matern.

Meta t-tifla kellha hames xhur T riedet titlaq mid-dar u tiehu t-tifla maghha. Hu ma riedx li jitilqu u l-anqas jkun jaf x'sar minnhom, ghalhekk T rrapportat lill-Pulizija li riedet titlaq mid-dar ghax hu kien qed isawwatha. Hu dan jikkontestah u jghid li anzi hi kienet girfitlu dahru u xiehda ta' dan huma huh u missieru. Il-Pulizija qalulha biex tmur ghand ommha f'Hal-Qormi, u billi jkollha xi tghid ma' kulhadd wara jumejn marret go dar il-Belt ghan-nisa bit-tfal. Kien iccempillha pero' ma kinitx trid tghidlu fejn qieghdha.

Wara xi zmien qaltlu li riedet li jergghu jmorru flimkien pero' bil-patt li jsiebu post Bugibba billi ddejqet Had-Dingli. Marru joqghodu Bugibba, ghamlu ftit gimghat jghixu fil-kwiet, izda wara ftit bdew jiggieldu billi hi ma riditux ikellem lill-familja tieghu u qaltlu li marret Bugibba mhux biex tkun mieghu izda ghax iddejqet mill-hinijiet imposti f'home.

Darba, kien il-Hadd, qabdet kwistjoni minhabba xi tisjir tal-ikel li tant eskalat li spiccat wadbitlu sikkina fil-presenza tat-tifla li kellha ghaxar xhur. Minn dakinhar iddecida li ma riedx jkun jaf biha hlief in konessjoni mat-tifla. Marret il-home fejn kienet qabel, ghamlet ftit granet u marret tghix ghand ommha, anke ma ommha iggieldet minhabba il-karattru taghha. Dan kien ikkonfermalu huha Mark, billi kien jghinu jirranga xi post.

T ma kinitx thallih jara lit-tifla. Kien ftiehem ma' tal-grocer biex jaghtiha l-affarjiet u jhallas hu. Beda il-proceduri biex it-tifla tkun registrata f'ismu, jkollu access ghaliha u jmantniha kif jixraq, haga li T ma riditux jaghmel. Darba cemplitlu biex tghidlu li dahhlet lit-tifla l-Isptar billi kellha deni qawwi, qaltlu li kellha virus tal Meningite. Hu kien joffri li jibqa' hemm u jorqod mat-tifla, izda hi kienet tkeccieh u tippreferi li joqghod Taljan li kien qed johrog maghha.

Meta harget mill-isptar kien jmur jara lit-tifla ghand omm T, li kienet taghamilha difficili ghalih biex jara lit-tifla.

F'Dicembru 2007 siefer l-Australia u dam xahrejn. Fi Frar 2008 gie lura it-tifla tant ferhet bih li insistiet li tibda tmur mieghu. Hadha d-dar ta' ommu, kellha xi hames snin u kull hadd ha gost biha. Meta ried jerga joghodha T rrifjutat u allegat li ommu id-darba ta' qabel misset lit-tifla b'intenzjoni sesswali. Din l-allegazzjoni hu ma setghax jaccettaha billi kien jaf li ommu ma kinitx kapaci ta' affarjiet bhal dawn u billi hu u hutu kienu kollha kontinwament presenti.

Ghalkemm kellu access liberu ghat-tifla, T dejjem kienet tohloq problem fl-access billi tibdillu l-granet u l-hinijiet. Hu kien dejjem jaccetta biex jevita l-inkwiet maghha.

Darba kellu 'barbeque' u xtaq li t-tifla toqghod ftit aktar tard mis-soltu, izda kif kienet taghmel dejjem, T rrifjutat u t-tifla tghidx kemm bkiet. Meta rega' kellhom 'barbeque' t-tifla staqsiet lill-missierha biex hu jistaqsi lill-ommha biex iddum izjed ghax hi kienet mwerwra biex tistaqsiha.

Meta t-tifla kellha xi seba' snin, l-omm kienet baqghet dejjem jgib l-iskuzi biex hu ma jarax lil bintu. Darba kien harigha u wara li hadha lura ghand ommha ftakar li kien nesa jaghtiha xi flus ta' xi kont tas-sahha jew edukazzjoni. Mar lura ghand T, fethitlu t-tifla li kienet qed tibki, u meta staqsiha x'kellha rrispondiet li kienet qed tilghab bil-pupi. Hu inkwieta ruhhu billi normalment t-tfal ma jibkux meta jilghabu bil-pupi, ssuspetta li kien gara xi haga. Meta d-darba ta' wara rega' kellu access ghat-tifla u staqsiha x'kien gara qaltlu li ommha irrabbjat maghha ghax nsiet titolbu l-flus.

Ftit gimghat wara, marru il-Pulizija ghand ommu u arrestawha u elevaw l-computer mid-dar. Ghamlet hames sieghat arrestata. Wara xi tnax il-jum cemplulu biex jmur jigbor lit-tifla mid-Depot. Dakinhar kienu arrestaw lil T u t-tifla marret toqghod id-dar mieghu. Hu qal li minn dak li seta' jifhem li kien gara kien li T 'resqet akkuza falza' li ommu kienet qed turi xi pornografija lit-tifla fuq il-computer, u billi lil-Pulizija ma rrizultalhom xejn fil-konfront ta' ommu billi ma kien hemm xejn fil-computer, anzi nsatbet pornografija, cartoons tat-tifla u filmati fil-computer li kien fid-dar ta' T u Oittiehdu passi kriminali kontrihom.

Hu nnota li t-tifla kienet imwerwra. Darba accidentalment waqghet bicca silg mill-freezer u hi bdiet tigri u taghajjat li ma kinitx hi, u dak li gara ma kienx tort taghha. Hu baqa' impressjonat u pprova jikkonsolha, pero' t-tifla xorta baqghet imbezza'tant li hu kkonkluda li kienet imwerwra minn xi haga li kienet grat billi r-reazzjoni taghha ma kinitx normali ghal tifla tal-eta' taghha. Din il-biza' t-tifla baqghet turiha ghal zmien twil u kemm hu kif ukoll ommu kienu jassikurawha li ma kinitx ser taqla' xi xeba. F'dak iz-zmien skopra li T kienet tirreferi ghall-

ommu bhala 'il-mara hazina' u ghalih bhala 'il-wuwwu' u li lit-tifla kienet iggielha tirreferi ghalihom fl-istess mod.

Hu mill-ewwel ha hsieb li jaghmlilha kamra tas-sodda ghaliha billi taha il-kamra li kien juza hu u hu mar jaqsam il-kamra ta' huh. Bil-mod il-mod it-tifla bdiet tohrog minn qoxritha, saret thobbhom hafna u kienet kuntenta tghix maghhom u thobb il-kamra taghha. Hu qatt ma kien jitkellem kontra ommha. Hu dejjem gharaf l-importanza taz-zewg genituri, u dejjem kien johodha biex tara lill-ommha anke waqt il-kawza kriminali meta ma kienx hem digrieti dwar l-access.

Hu ddikjara li dejjem xtaq jippartecipa fil-hajja tat-tifla u dejjem xtaq l-ahjar ghaliha. Jghid li waqt il-medjazzjoni T riedet li t-tifla terga tmur maghha minghajr supervizzjoni. Hu hass li din kienet decizzjoni li ma setghax jiehu wahdu u ghalhekk talab il-parir tal-Psikologa Veronica Ellul, li dak iz-zmien kenet qed tara lit-tifla. Din qaltlu li kienet ferm preokkupata minn dak li rat fil-filmati tat-tifla, cioe' mhux biss li t-tifla kienet tidher imbezza' mill-imgharfa tal-injam, jew li kienet tiddejjaq tigi ffilmjata, izda l-akbar preokkupazzjoni kien l-karattru ta' T u Oli kienu jiffilmjawha u jidhqu bil-biza' u d-dwejjaq taghha li seta jikkreja patologija fil-personalita' tat-tifla.

Illum it-tifla qed tikber u tisbih, ghandha karattru sensittiv, thobb tilghab ma l-hbieb, thobb tizfen u ssajjar, partikolarment il-pizza meta johodha mieghu il-forn.

Nonostanti l-imhabba kollha li hu u il-familja jipprovaw jaghtuha t-tifla gieli tizvoga f'rabja kbira. Kien ghalhekk li hass il-bzonn li jibghat ghall-Psikologa Melissa Agius.

Recentement t-tifla marret fuqu rrabbjata u qaltlu li ma riditx issefter aktar. Wara li spjegalha li meta tippartecipa fil-familja ma tkunx qed issefter, irrizultalu li kienet qed tiddejjaq meta ommha kienet iggaghlha tghinha mat-tfal z-zghar. Hu ddikjara li jinkwieta jekk it-tifla ma tibqax tghix mieghu. Hu konvint li t-tifla thobb kemm lilu kif ukoll lill-ommha u ghalhekk jaqbel li l-omm ghandha jkollha access ampju ghat-tifla, pero'jixtieq li t-tifla tibqa fil-kura u kustodja tieghu. Hu qal li jibza li jekk t-tifla tmur tghix mal-omm taghmlilha kif kienet ghamlet lilu meta kienu jghixu flimkien, meta hi kienet tipprettendi li meta jigi lura mix-xoghol kellu jsajjar u jnaddaf. It-tifla marret tghix mieghu ghall-gharrieda, kienet imgerxa u mbezza' li ser taqla xi xebgha u minn dak iz-zmien ghamlet progress kbir.

Il-konvenut irrileva li l-access ordnat mill-Qorti huwa nhar ta' Tnejn u nhar ta' Hamis mill-4.30pm u 6.30pm, u alternattivament gimgha nhar ta' Sibt u gimgha nhar ta' Hadd mill-10am sal-4pm.

Fil-fatt l-partijiet qablu li jimmoifikaw dawn l-hinijiet ghas-segwenti:

Nhar ta' Tnejn u nhar ta' Hamis, meta t-tifla jkollha l-iskola mill-4.30pm sas-7.30pm; u fil-vakanzi tas-sajf, Milied u l-Ghid mill-4.30pm sat-8.30pm.

Fil-weekends, b'effett mil-11 ta' Lulju 2015 mis-Sibt fl-10am sal-ghada il-Hadd fis-7pm (cioe bi sleepover) u s-Sibt ta' wara mill-10 am sat-3 pm. Dan l-arrangjament jalterna min gimgha ghal gimgha.

Matul is-sena skolastika l-access nhar ta' Sibt jkun mill-10am sal-4pm.

Il-missier B M jkollu d-dritt li jzomm lit-tifla ghal hames weekends fis-sena meta l-omm ma jkollhiex access ghat-tifla, b'dan pero' li tali weekends jkunu spazjati b'almenu xaharejn u l-omm tinghata preavviz ta' hmistax dwar kull tali weekend.

Il-partijiet qablu in oltre li fis-Sajf l-omm jkollha d-dritt li zzomm maghha ghal gimgha lit-tifla fix-xahar ta' Lulju, Awwissu u Settembru purche' taghti preavviz ta' hmistax lill-missier. Dawn il-gimghat jkunu mit-Tnejn sal-Hadd f'dawk il-gimghat meta t-tifla tkun ser toqghod ghand l-omm bejn is-Sibt u l-Hadd. F'tali gimghat l-missier jkollu access it-Tnejn u l-Hamis bejn l-4.30pm u t-8.30pm u s-Sibt bejn l-10am u t-3pm.

Il-missier jista' jiehu lit-tifla ghal-btala ta' gimgha, li fiha l-omm ma jkollhiex access ghat-tifla.

Il-partijiet qablu li t-tifla tqatta' il-Hadd tal-festa ta' San Filep mal-missier u l-Hadd tal-festa ta' San Gorg mal-omm.

Hu ddikjara li dawn il-hinijiet ghall-access ilhom josservawhom minn Lulju 2015, ghalkemm ma hemm l-ebda digriet f'dan is-sens u dwar il-Milied tat-2014 u tat-2015 sar rikors konguntiv billi kienu qablu dwar l-access.

Finalment iddikjara li hu jixtieq dak li hu fl-ahjar interess tat-tifla, u rrileva li l-hinijiet prezenti tal-access jirriflettu ix-xewqat tat-tifla kif dikjarat mill-Psikologa Carmen Sammut fir-rapport taghha. Hu jibza li jekk R terga' tbiddel ir-residenza taghha issofri trawma ohra u l-omm terga tibda tghawwi lit-tifla kontrih u li taghmel l-ostakoli ghall-access, zewg affarjiet li hu qatt ma ghamel ghax dejjem gharaf l-importanza taz-zewg genituri fil-hajja tat-tifla.

**Roderick M,** hu il-konvenut xehed fis-seduta tl-14 ta' Jannar 2016, Fol 386 et seq. Hu kkonferma li mindu t-tifla marret tghix maghhom, B hareg mill-kamra tas-sodda tieghu biex jaghtiha lilha u mar jaqsam mieghu il-kamra tas-sodda tieghu. Lil T sar jafa meta darba kellhom riceviment d-dar u kienet gja' tqila. Hi

ma kinitx tiffrekwenta id-dar taghhom, u B bil-kemm kien jersaq lejn id-dar meta kien johrog maghha. Kien jigi ghall-kwarta qabel x-xoghol filghodu kmieni, kien jghid li T rieditu jaqta' kull kuntatt maghhom u li kien jkollhom hafna argumenti. Hu qal li ra l-aggressivita' taghha fuq huh meta darba kien cempel ghall-ghajnuna u marru hu u missieru u sabu li kellu dahru kollu migruf bhal xi hadd attakkah qattus u haduh il-clinic tal-Furjana.

Hu kkonferma li T dejjem kienet tevita li jkollha kuntatti maghhom. Meta twieldet it-tifla fis-sitta ta' filghodu B cemplilhom fis-sitta ta' filghaxija u qalilhom biex hadd minnhom ma jmur jaraha fl-isptar.

Il-parini fil-maghmudija  kellhom jkunu missieru u omm T, pero' ma sarx hekk. Huma kienu avvzati minn B biex ma jattendux ghall-maghmudija. Huh qal lill-ommhom fejn kien ser jaghammidha pero',avvzaha li daqs li kieku ma taf b'xejn billi T insistiet li ma jghidilhomx.

L-ewwel darba li ra lil R kien meta kellha hames snin.  Kien ghadhom kif gew lura minn holiday u kullhadd kien ferah biha billi kienet l-unika tifla fil-familja. Kien hemm ohtu, it-tfal taghha, it-tfajla tieghu, z-zija u kulhadd ferah biha.  Hu kkonferma li t-tifla kien ilha toqghod ghandhom xi hames snin u billi ghandha 13 il-sena dak iz-zmien kellha seba' jew tmien snin. Huh B kien mar ghaliha u gabarha mid-Depot.   It-tifla kellha 'low self esteem', bezghana u turi certu biza'. Meta kienu jkunu jilghabu l-kugini kienet tinqata' ghaliha wahedha, mentri illum tistaqsi ghalihom u meta ser jigu. Fil-bidu kienet issawwat lill-pupi u anke tgholli idejha fuq ommu, kuntrarju kollu tal-prezent. Hu kkonferma li r-relazzjoni tat-tifla ma' ommu dejjem qed titjieb, qabel kienu jiddixxiplinawha minghajr swat u illum it-tifla tistenna lill-ommu tirritorna mix-xoghol biex taghnnaqha.

It-tifla gieli tinfexx f'rabja pero' hafna anqas milli kienet qabel. Ir-reazzjoni taghha ma' missierha qed dejjem titjieb. Missierha jhalliha tistieden lil shabha u tiehu pjacir tilghab maghhom fil-kamra taghha. Turi entuzjazmu meta jkunu sejrin xi picnic jew il-bahar u tghin lin-nanna nhar ta' Sibt meta ma jkollhiex skola.

It-tifla hi fil-prezent kuntentissima.

Hu kkonferma li jahdem fix-xoghol tal-gebel u xi kull tant jghin lil huh fil-forn. Ghandu 29 sena.

Mistoqsi in kontro-ezami jiftakarx li T marret f'shelter meta t-tifla kellha sitt xhur, irrisponda li ma jiftakarx. Cahad li flimkien ma' huh kienu marru jsuqu warajha. Hu cahad li huh kien jsawwatha u li hu s-swat rah fuq huh.  Hu cahad li sar diskors minn huh fil-presenza tieghu fis-sens li kieku sabha fid-dar ta' ragel iehor kien jisparalha. Hu kkonferma li wara li telqet l-ewwel darba, kienu rrangaw,

damu xi xahar flimkien u regghu nfirdu. Huh kien jmur jara lit-tifla ghand ommha u ma kienx johodha d-dar taghhom u kien ghalhekk li qatt ma kien ghadu ra lit-tifla qabel ma kellha hames snin.

Huh kien jikkuntenta li jara lit-tifla ghand ommha u ma kienx johodha d-dar biex ma jaqlax kwistjonijiet ma' T. Hu kkonferma li t-tifla ghandha il-kamra tas-sodda taghha u li la torqod ma' missierha u l-anqas ma' ommu. Gieli t-tifla xtaqet li ommu torqod maghha.

Hu kkonferma li B matul dawn s-snin kellu xi girlfriends, pero' cahad li xi hadd minnhom qatt raqad hemm. It-tifla xi kull tant tinghata ic-cavetta tad-dar meta jkun hemm possibilita' li meta tirritorna ma jkun hemm hadd id-dar. Hu cahad li t-tifla tinghata c-cavetta tad-dar meta tmur id-disco u tirritorna tard bil-lejl u kkonferma li missierha jmur ghaliha, u li din kienet okkazzjoni ta' darba u ma kienux qabzu il-hdax.

**Il-konvenut B M** xehed in kontro-ezami fis-seduta tal-14 ta' Jannar, 2016, Fol 406 et seq. Hu ikkonferma li ghamel xi xahrejn jghix ma' T qabel nqabbdet tqila u mbaghad il-kumplament tat-tqala sa sitt xhur wara li twieldet it-tifla. F'dak iz-zmien ma kienx jmur ghand ommu u hu u T kien jkollhom argumenti kontinwi. Hi kienet vjolenti, darba meta kienu jghixu r-Rabat qasmitlu rasu, ma kienx ser jirrapportha billi hi omm bintu, pero hass li bilfors kellu jwaqqaf din r-relazzjoni. Hu qal li T l-ewwel marret tghix ghand ommha u wara jumejn marret toqghod go home il-Belt. Wara t-twelid tat-tarbija ghamlu sitt xhur jghixu flimkien f'Had-Dingli, izda kellhom xi jghidu fuq il-flus u l-attrici telqet mid-dar bit-tarbija. Hu ried jkun jaf fejn marret, hi gabitlu l-Pulizija ghax qalet li kien isawwatha. Wera lill-Pulizija il-feriti li kellu f'dahru. Hi marret ghand ommha ghal jumejn u wara marret fil-home. Wara ftit aktar minn xahar regghet marret mieghu u marru jghixu f'post Bugibba ghax qalet li kienet imdejqa Had-Dingli. Hemmhek damu xi xahrejn, kellhom argument fuq l-ikel, waddbitlu sikkina u telqet mid-dar. Marret il-home ghal gimgha l-aktar gimghatejn u regghet marret ghand ommha u baqghet hemm. Hu ddikjara li kien ipprova jirranga r-relazzjoni ta' bejniethom, ghax t-tfal jridu l-omm u l-missier. Meta kienu jghixu Bugibba, t-tifla kellha ghaxar xhur, kienet wadbitlu sikkina u minn hemm beza' li kienet ser twegghu jew toqtlu. Wara dan l-incident telqet, l-ewwel marret il-home u wara marret ghand ommha. Hu cahad li kien ma huh meta mar iffittxha il-Belt, kien ma' habib tieghu, biex jkollu xhud jekk jinqala' xi argument, u cahad li qalilha li kieku sabha ma' ragel iehor kien jispralha bis-senter. Hu qal li l-anqas ghal dubbiena ma jispara ahseb u ara bniedem.

Hu qal li hu kien beda il-process ta' medjazzjoni biex jhallas il-mantenient u jibda jara lit-tifla. Kien jmur jaraha l-Appogg. Offra li jhallas manteniment izda T ma accettatx. Hu kkonferma li t-tifla marret tghix ghandu meta kellha seba snin jew

tmienja u qabel dejjem ghexet ma' ommha. Lit-tifla kien jaraha darbtejn fil-gimgha fis-salott u dan ghalkemm kellu access liberu. Hu jaf li t-tifla ghandha valve f'qalbha jillikja u li tbati mill-'eczyma' tant li jixtrilha il-cream u s-shampoo taghha. Hu jghid li l-problemi tat-tifla fl-iskola huma konsegwenza tas-sitwazzjoni litigjuza li jinsabu fiha. Hu jammetti li ma tantx jaf skola pero' dejjem ha hsieb jipprovdilha l-ghajnuna, xi drabi bil-homework kienet tghinha l-gharusa ta' huh u kien anke ipprovvdilha teacher li kienet tghinha d-dar. Hu qal li qed jikkontesta l-kawza ghax t-tifla tghidlu li trid tibqa mieghu. Hu ma ghandux oggezzjoni li t-tifla tara lill-ommha l-anqas li ssiefer maghha. Fuq ic-cavetta tad-dar ikkonferma li t-tifla tohodha biss meta jkun hemm il-possibilita` li missieru jinqabad fit-traffic u jdum ma jasal biex hi ma toqghodx tistenna barra wara l-iskola. Meta harget kienet ma' hbieb tal-eta' taghha, ma kienx hemm xorb u mar biex jigborhom hu stess.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

Permezz tal-kawza odjerna l-attrici qed titlob li tigi fdata bil-kura u kustodja legali ta' bint il-partijiet R M; li fi kwalunkwe kaz tigi fdata ukoll bil-kura u kustodja fattwali tal-istess tifla minuri, b'modalita' ta' access xieraq favur il-konvenut missierha; u fl-eventwalita' li tigi milqugha t-tieni talba, li l-konvenut jigi ordnat ihallas manteniment xieraq ghall-imsemmija minuri.

Il-konvenut qed jikkontesta t-talbiet attrici billi kuntrarjament ghal dak li allegat l-attrici, u qed jitlob li l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tigi affidata lilu.

F'kawzi ta' din ix-xorta huwa l-kompitu tal-Qorti li tevalwa c-cirkostanzi kollha tal-kaz, u fid-dawl tal-ahjar interess tal-minuri tiddeciedi dwar min mill-genituri ghandu jigi affidat bil-kura u kustodja tal-minuri ossia bl-awtorita' ta' genitur kif ukoll ma' min mill-genituri l-minuri ghandu jirrisjedi. Ghandu wkoll jigi deciz jekk il-genitur li mieghu ma jkunx qed jirrisjedi l-minuri ghandux ikollu access ghall-minuri u f'kaz affermattiv il-modalita u frekwenza tal-access.

Il-fatti fil-qosor antecedenti ghal din il-kawza huma s-segwenti:-

It-tifla R M, twieldet fl-1 ta' Awissu 2003 minn relazzjoni li kellhom il-partijiet, l-omm kienet xebba u l-missier kien guvni. It-tifla illum ghandha 13 il-sena. Fic-certifikat tat-twelied, Dok A anness mar-rikors guramentat, il-missier hu indikat bhala 'unknown father' skond l-attrici fuq insistenza tal-konvenut u ommu, biex tkun tista' tircievi l-beneficcji socjali tal-Gvern, u hu ma jhallasx hafna manteniment. Dan hu kkontestat mill-konvenut u jghid illi kienet l-attrici li mill-bidu nett ma riditx li jitnizzel fuq l-att tat-twelid tal-minuri. Jghid illi huwa irrikonoxxa lill-minuri bhala bintu b'att pubbliku tan-Nutar Dottor Peter Fleri

Soler tal-5 ta' Lulju 2004, kwazi sena wara t-twelid. L-attrici tghid li dan ir-rikonoxximent fuq att pubbliku sar minn wara dahrha.

Dwar dan l-episodju l-Qorti ma temmen lil hadd mill-partijiet. F'dan ir-rigward hija l-fehma tal-Qorti li z-zewg partijiet ma qalux il-verita' kollha. Ghalkemm l-attrici tghid li kien il-konvenut li sfurzaha li tirregistra l-wild bhala b'missier mhux maghruf, xejn ma zammha milli tistitwixxi immedjetament il-proceduri kontra l-konvenut ghar-rikonoxximent. Fl-istess waqt, jekk il-konvenut kien tant herqan li jigi rikonoxxut bhala missier it-tarbija, ma kellux ghalfejn jistenna sena wara t-twelid sabiex jiehu passi ghar-rikonoxximent. Fil-fehma tal-Qorti, matul l-ewwel sena iz-zewg partijiet kienu komplici f'att abbuziv sabiex id-dover tal-manteniment tat-tarbija jerfghu l-istat bil-hlasijiet ta' assistenza socjali. Kien biss meta beda jberraq li l-konvenut iddecieda li jirrikonoxxi ufficjalment lit-tarbija.

L-ewwel proceduri l-Qorti dwar il-kura u kustodja tal-minuri ittiehdu fis-sena 2006. B'digriet moghti fis-26 ta' Mejju 2006 Numru 857/06 il-Qorti ordnat li l-kura u kustodja tkun kongunta, li l-minuri tibqa' tghix mal-omm b'access liberu ghall-missier, li ghandu jhallas LM80 fix-xahar, mantenimet ghall-minuri, kif ukoll nofs l-ispejjes ta' edukazzjoni u sahha kontra d-debiti ricevuti.

Ir-relazzjoni bejn l-attrici u l-konvenut intemmet meta t-t-tifla kellha biss sitt xhur. L-attrici tghid li r-relazzjoni tkissret minhabba incidenti ta' vjolenza da parti tal-konvenut. Takkuzah bi vjolenza u li kellha tahrab minnu u ssib rifugju f'shelter il-Belt. Min-naha tieghu il-konvenut jakkuza lill-attrici b'vjolenza, jghid li girfitlu dahru, qasmitlu rasu, tefghatlu sikkina u beza' li kienet ser toqtlu jew tkorrieh. Fiz-zmien relattivament qasir li damu jghixu flimkien, kienu ghixu r-Rabat, Had-Dingli u Bugibba, jiggieldu, titlaq, jergghu flimkien ghal ftit u jergghu jitlewmu.

Erba' snin wara, u cioe' fil-31 ta' Lulju 2010, l-attrici zzewwget lil OW li mar jghix maghha fid-dar ta' ommha, u illum ghandhom zewgt itfal. Il-minuri R kienet f'dak iz-zmien, tirrisjedi ma' ommha, fid-dar tan-nanna materna. Sas-sajf tas-sena 2011 il-minuri kienet tghix mal-omm u zewgha, missierha kellu access u kien johodha fid-dar ta' ommu. Kien f'dan iz-zmien li sar r-rapport mill-attrici lill-pulizija kontra omm il-konvenut. L-investigazzjonijiet tal-pulizija kienu ezoneraw lin-nanna paterna izda ittiehdu passi kontra l-istess omm u zewgha.

Skond l-attrici, f'dan iz-zmien, it-tifla bdiet tirrakkonta episodji disturbanti dwar x'kien qed jigri meta waqt l-access mal-konvenut tkun fid-dar fejn hu jghix ma ommu'; mentri skond il-konvenut, kien wara li l-omm stess rat it-tifla taghmel certi mossi sesswali li t-tifla qaltilha li rat fuq il-computer' li sar r-rapport kriminali.

L-omm gietipprezentata b'arrest quddiem il-Magistrat tal-Ghassa fit-18 ta'Awissu 2011 u minn dik n-nhar il-minuri bdiet tghix ma' missierha u kienet qed tigi monitored minn Social Worker tal-Agenzija Appogg. B'rikors ipprezentat fis-26 ta' Awissu 2011 l-missier talab li tigi akkordata lilu il-kura u kustodja esklussiva ta' bintu, talba li giet milqugha b'digriet tas-17 ta' Frar 2012, Fol 71 u 72.

Il-Qorti tal-Magistrati(Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali b'sentenza tal-21 ta' Novembru 2011, ma sabitx lill-omm hatja tal-ewwel akkuza, li hebbet ghall-bintha l-minuri R, sabiex tingurjaha, iddejjaqha jew taghmel hsara fuq il-persuna taghha b'oggetti iebsin u lliberatha minnha izda sabitha hatja tat-tieni akkuza, li kkagjonat biza li ser tintuza vjolenza fuq bintha jew il-propjeta' taghha, u lliberatha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena.

B'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-20 ta' Settembru 2012, Fol 73 giet liberata mill-akkuzi kollha. Zewgha  O W gie ukoll liberat minn kull akkuza b'sentenza tal-istess Qorti fl-istess gurnata.

L-attrici, fis-sitt paragrafu tar-rikors guramentat taghha, tddikjara 'inter alia' li billi kemm hi kif ukoll zewgha gew kompletament liberati mill-akkuzi kriminali "ma hemm ebda raguni jew skuza ghalhiex it-tifla m'ghandhiex tigi fdata lura f'idejha". Il-konvenut, mill-banda l-ohra ddikjara in kontrezami, Fol 421, li kull meta jkollu l-Qorti t-tifla tistaqsih jekk tkunx ser tarah filghaxija; li hu jhalli f'idejn is-Psychologist li tqabbdet mill-Qorti; li personalment ma ghandu l-ebda intenzjoni li joqghod jiggieled ghat-tifla jew jtawwal il-kawza, u li kieku hi verament riedet tmur mal-omm 'imbirikha b'idi t-tnejn'.  Hu ddikjara li qed jikkontesta t-talbiet attrici propju ghax t-tifla tghidlu li ma tridx tmur mal-omm.

Wara li l-attrici u zewgha gew liberati mill-Qorti tal-Appell Kriminali, l-attrici qed titlob permezz tal-kawza odjerna illi stante li giet liberata ma hemm l-ebda raguni ghaliex m'ghandiex terga tinghata l-kura u kustodja tal-minuri li kienet giet lilha tolta kagun tal-proceduri penali istitwiti kontra taghha u zewgha.

**Distinzjoni bejn l-Azzjoni Penali u l-Azzjoni Civili.**

In tema legali ghandu qabel xejn jinghad illi l-assoluzzjoni li inghatat mill-Qorti tal-Magistrati dwar l-akkuza li l-attrici hebbet ghall-bintha minuri u l-assoluzzjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali mill-akkuza illi kkagonat biza fuq il-minuri li ser tintuza vjolenza fuqha, ma jgibux bhala konsegwenza awtomatika li l-minuri terga tibda tirrisjedi mal-omm bhalma ma kienet qabel bdew il-proceduri penali kontra l-omm meta l-Qorti kienet ordnat li t-tifla tittiehed minghand l-omm u tibda tirrisjedi mal-missier.

Appena huwa necessarju jigi sottolineat illi fuq l-istess kaz, assoluzzjoni fil-kamp penali mhux necessarjament twassal ghall-assoluzzjoni fil-kamp civili. Tali distinzjoni hija dikjarata bl-Artikolu 3 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:-

"(1) Kull reat inissel azzjoni kriminali u azzjoni ċivili.
(2) L-azzjoni kriminali titmexxa quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali, u biha tintalab piena kontra l-ħati.
(3) L-azzjoni ċivili titmexxa quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili, u biha jintalab il-ħlas tal-ħsara li ssir bir-reat"

Kif ben risaput, il-binarju probatorju huwa wisq aktar rigoruz fil-kamp penali milli dak fil-kamp civili. F'ta' l-ewwel l-akkuza ma tkunx ippruvata jekk il-provi ma jwasslux ghall-konvinciment ta' htija minghajr dubju dettat mir-raguni; f'tat-tieni il-grad ta' prova rikjest ghall-konvinciment tal-gudikant f'dak li hu allegat huwa bizzejjed jekk jilhaq il-grad tal-probabilita'. Differenza mhux zghira.

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, huwa doveruz li l-Qorti tevalwa l-provi kollha migjuba f'din il-kawza u indipendentement minn dak li gie deciz fil-kamp penali, tasal ghall-konkluzzjonijijiet taghha dwar x'inhu fl-ahjar interess tal-minuri mertu ta' din il-kawza.

Ikkunsidrat;

Jirrizulta illi f'Awwissu 2011, wara indagini mill-Pulizija mibdija ironikament wara rapport tal-attrici kontra n-nanna paterna, u dan wara li l-attrici rat lit-tifla taghmel xi mossi deskritti bhala sesswali li qaltilha rat fuq il-computer tan-nanna paterna; irrizulta lill-Pulizija illi kien hemm materjal pornografiku fuq kompjuter fid-dar tal-omm fuq liema computer kien hemm ukoll il-cartoons li tara t-tifla.

Barra minn hekk instab fid-dar tal-omm u r-ragel taghha filmati li juru lill-attrici u lil zewgha jikkoregu lit-tifla bl-uzu ta' maghrfa tal-injam, jumiljawha u jidhqu biha u jiffilmjawha waqt li kienet mbezza minnhom.

Meta l-Pulizija resqet lill-attrici u lil zewgha l-Qorti, din il-Qorti diversament presjeduta ordnat li t-tifla tittiehed minghand l-omm u tibda tirrisjedi ma' missiehra l-konvenut. Gie wkoll ordnat li l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun f'idejn il-missier u t-tifla tkompli tigi segwita mill-Clinical Psychologist tal-Appogg, Veronia Ellul, u l-omm jkollha access supervizzjonat ghat-tifla.

It-tifla ghalhekk ilha aktar minn erba' snin tghix ma' missierha b'access favur ommha.

**L-Interess Suprem tal-Minuri.**

Il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) hija mghobbija bir-responsabbilta' li f'kull kaz li jikkoncerna minuri li tara li d-decizjonijiet li tiehu ghandhom ikunu gwidati minn konsiderazzjonijiet dwar x'inhu fl-ahjar interess tal-minuri.

Tali responsabbilta' hija regolata bl-**artikolu 149 tal-Kapitolu 16** li jipprovdi illi :-

"B'dak kollu li jinsab f'kull disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici, il-Qorti tista, jekk tigi murija raguni tajba, taghti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-propjeta' ta' persuna li tkun taht l-eta' kif jidrilha xieraq fl-ahjar interessi tat-tifel."

Fil-kawza fl-ismijiet "**Sarah Anne Duca vs Clint Xuereb**" deciza minn din il-Qorti fid-9 ta' Gunju 2016 ntqal li:

"Sabiex il-kura u l-kustodja tithalla f'idejn iz-zewg genituri huwa necessarju li jigi ppruvat li tali kura u kustodja kongunta tkun fl-ahjar interess tal-minuri. Izda l-Qorti hija fid-dover li timxi b'kawtela kbira meta tigi sabiex tiddecidi dwar il-kura u kustodja ta' minuri fl-isfond ta' litigji kontinwi bejn iz-zewg genituri."

Fil-kawza fl-ismijiet "**Miriam Cauchi vs Francis Gauci**" deciza mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Ottubru 2008 intqal hekk:

"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li, ghal dan il-ghan, jehtiegilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi pprovdut l-access, jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri. Huma il-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din ikollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli." Fl-istess sentenza gie rilavat li jekk tinqala' il-htiega ta' decizjoni mghaggla u urgenti, bhal xi intervent mediku li jirrikjedi l-kunsens taz-zewg genituri, n-nuqqas ta' komunikazzjoni bejn l-genituri jista' jkun ta' hsara kbira ghall-minuri.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Cedric W vs Nicolette Mifsud**" deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Marzu 2014, il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artikolu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti li taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Mario Darmanin vs Annalise Cassar**" deciza mill-Qorti tal- Appell fil-31 ta' Ottubru 2014 ntqal li:

" …..meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuri, il-Qorti ma ghandhiex tkun iddettata u kondizzjonata mill-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss dwar x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri."

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami il-Qorti taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet.

Il-kunflitt ahrax bejn iz-zewg genituri kellu konsegwenzi dizastruzi fuq il-minuri. Sfortunatament ghall-minuri, ma taf bl-ebda zmien fejn ir-relazzjoni ta' bejn iz-zewg genituri taghha kienu pacifici. Dan ghaliex meta l-partijiet ma baqghux jghixu flimkien il-minuri kien ghad ghandha biss ftit xhur. It-tfulija taghha kienet karatterizzata minn nuqqas ta' qbil u glied bejn iz-zewg genituri dwar dak kollu li jolqot lill-minuri. Dan kollu halla effett dizastruz fuq l-izvilupp tal-minuri tant li kif irrimarkaw id-diversi professjonisti li xehdu f'dawn il-proceduri hija ghandha bzonn ghajnuna psikologika.

L-incidenti li dwarhom l-attrici u zewgha tressqu l-Qorti kienu min-natura taghhom serji hafna. Ghalkemm l-attrici interpretat l-agir taghha u ta' zewgha fil-konfront tal-minuri bhala cajta, tali agir wera li l-omm ma kenitx sensittiva ghall-htigjiet ta' bintha. Il-fatt li fuq il-kompjuter tad-dar tal-omm instab ukoll materjal pornografiku, kompjuter li l-minuri kellha access ghalih iwassal lil din il-Qorti tikkonkludi illi l-omm naqset serjament fid-dmirijiet taghha bhala omm. Irid jigi ghalhekk deciz jekk jezistux l-estremi sabiex l-omm titlef l-awtorita' ta' genitur fuq il-minuri kagun ta' dawk l-eposodji

Nonostante t-taqlib li l-minuri ghaddiet minnu, hija baqghet thobb kemm lill-missierha kif ukoll lill-ommha. Il-Qorti tinterpreta ix-xenati li l-minuri gieli ghamlet anke fil-pubbliku bhala karba ta' ugieh dwar sitwazzjoni difficilissima kultant issopportabbli anke ghal persuna adulta ahseb u ara ghal persuna f'eta' tant tenera.

Dwar it-talba tal-attrici li tinghata l-awtorita' ta' genitur b'mod esklussiv ad eskluzzjoni tal-missier, il-Qorti tqis li tressqux provi tali li jwasslu lill-Qorti tnehhi l-awtorita' ta' genitur minn idejn il-missier.

Illum l-attrici ghandha familja ohra b'zewgt itfal zghar li maghhom il-minuri tiltaqa' regolarment meta jkollha l-access ma' ommha inkluz sleep overs.

Fortunatament ghall-minuri, c-cirkostanzi llum huma bil-bosta ahjar miz-zmien li fih sar tant taqlib fil-hajja tal-minuri. Hija l-fehma tal-Qorti li minn dak iz-zmien sar kambjament notevoli fl-attrici li jaghmluha persuna idonea li tezercita' l-awtorita' ta' genitur.

Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz hija l-fehma tal-Qorti illi ma tkunx fl-ahjar interess tal-minuri; la jekk l-awtorita' ta' genitur tinghata esklussivament lill-omm; lanqas jekk tinghata esklussivament lill-missier. Id-decizjonijet importanti fil-hajja tal-minuri ghandhom jibqghu responsabbilta' taz-zewg genituri u hadd minnhom ma ghandu jigi eskluz. Il-fatt li f'dan l-ahhar zmien spiccaw ghall-kollox l-incidenti bejn iz-zewg genituri kien strumentali sabiex il-minuri tibda l-process twil u mhux facli ta' rekuperu mill-abbiss psikologiku li sfortunatament kienet niezla fih.

Fil-fehma tal-Qorti ma jezistux l-estremi sabiex xi hadd mill-genituri jinghata l-awtorita' ta' genitur b'mod esklussiv ad eskluzzjoni tal-genitur l-iehor jew l-ohra.

**Residenza tal-Minuri u Access.**
Illum il-gurnata l-minuri tirrisjedi ma' missierha u ilha hekk tirrisjedi issa sa mis-sena 2011. Qabel kienet tirrisjedi ma' ommha. Kif rajna dan il-kambjament kellu l-bidu tieghu fr-rapport mill-omm li t-tifla kienet vittma ta' abbuz sesswali da parti tan-nanna patern. Mill-investigazzjoni tal-Pulizija ma rrizulta xejn fil-konfront tan-nanna paterna izda bl-evidenza migbura waqt l-investigazzjoni spiccaw biex ipprocedew kriminalment kontra l-attrici u zewgha. Dan kien f'Awwissu 2011 meta t-tifla kellha 8 snin. Il-konsegwenza immedjata kienet li t-tifla bdiet tghix ma' missierha, li kien jghix fid-dar ta' ommu fejn ukoll kien jghix huh Roderick.

It-tifla kienet ilha mit-twelid tghix ma ommha u f'daqqa wahda sabet ruhha tghix ma' missierha, li wara l-arrest tal-omm, inghata il-kura u kustodja esklusiva tal-minuri R, b'digriet tas-17 ta' Frar 2012, Fol 72.

Irrizulta li ghal xahar wara li giet arrestata, l-omm ma thallhitx tara lit-tifla, wara, minn Frar 2012 bdiet taraha darba fil-gimgha taht supervision tas-social worker Marlene Agius Mir-rapporti perjodici pprezentati minn din s-social worker jirrizulta, li ghalkemm biz-zmien kien qed issir progress sostanzjali f'dak li hu relazzjoni bejn it-tifla u l-omm, tant li t-tifla fi tmien il-vizta ma tkunx trid titlaq, rrilevat li t-tifla kienet tkun agitata, jkollha hafna 'tantrums' u 'random anger bouts and misbehviour'. Hi ukoll rrakkomandat li it-tifla jkollha l-ghajnuna u l-assistenza professjonali ta' psikologa.

Il-Psikologa, Veronica Ellul ukoll rrakkomandat terapija psikologia.

B'digriet moghti fis-26 ta' Dicembru 2013, din l-Qorti ordnat li 'pendente lite' l-attrici tezercita access ghal minuri R nhar ta' Tnejn u nhar ta' Hamis mill-4.30pm sas-6.30pm; alternattivament gimgha nhar ta' Sibt u gimgha nhar ta' Hadd mill-10am sal-4pm. L-access ikun monitorat u mhux aktar supervizjonat mis-social

worker Marlene Agius, li ghandha tipprezenta r-rapport taghha kull xahrejn dwar l-andament tal-monitoragg.

Il-kovenut fl-affidavit tieghu, Fol 364, ikkonferma li ghalkemm dawk kienu il-hinijiet stabbiliti ghall-access mill-omm, huma kienu effetivament ftehemu hinijiet itwal fejn l-access tal-omm zdied konsiderevolment.

**Access tal-Omm**.

Huma, in fatti, ftehmu li meta t-tifla jkollha l-iskola, l-access tal-omm jkun bejn 4.30pm u s-7.30pm u fil-vakanzi tas-Sajf, tal-Milied u ta' l-Ghid jkun mill-4.40pm sat-8.30pm. Fil-weekends, mis-Sibt 10 am sal-ghada l-Hadd fis-7pm, u l-weekend ta' wara s-Sibt biss mill-10 am sat-3pm altenattivament minn gimgha ghal gimgha. Matul is-sena skolastika l-access nhar ta' Sibt jkun mill-10am sal-4pm. Qablu ukoll li l-missier jkollu d-dritt li jzomm lit-tifla mieghu ghal hames weekends shah f'sena , minghajr ma l-omm jkollha access f'dawn il-weekends. B'dan li dawn il-weekends ikunu spazzjati b'almenu xahrejn u purche' l-omm tinghata preavviz ta' gimghatejn. In oltre qablu li fis-sajf, l-omm jkollha d-dritt izzomm lit-tifla ghal gimgha fix-xahar ta' Lulju, gimgha fix-xahar ta' Awwissu u gimgha fix-xahar ta' Settembru b'dan li trid taghti preavviz lill-missier ta' gimghatejn. Tali gimgha tkun mit-Tnejn sal-Hadd ezercitabbli f'dawk il-gimghat meta t-tifla tkun mal-omm bejn s-Sibt u l-Hadd. F'dawk il-gimghat l-missier jkollu dritt ta' access ghall-minuri it-Tnejn u l-Hamis bejn l-4.30pm u t-8.30pm u s-Sibt bejn l-10am u t-3pm.

Il-missier jista' jiehu lit-tifla ghall-btala ta' gimgha u f'dak il-perjodu l-omm ma jkollhiex access ghat-tifla.

Il-partijiet ftehmu ukoll li t-tifla tqatta' l-Hadd festa ta' San Filep mal-missier u l-Hadd festa ta' San Gorg mal-omm.

Ghall-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-sena 2015/2016 il-partijiet qablu fuq il-hinijiet indikati fir-rikors konguntiv taghhom , Fol 381.

**L-Interess Suprem tal-Minuri**.

Il-Qorti tosserva li mis-sitwazzjoni prekarja li fih kellu l-bidu tieghu dan il-kaz, illum il-gurnata il-hajja tal-minuri hija hafna aktar stabbli u ghandha kuntatt b'sahhtu u regolari maz-zewg genituri. Il-Qorti tkun qed tonqos jekk ma tissottlineax illi l-progress kbir li sar fis-sitwazzjoni tal-minuri kien rizultat tal-kooperazzjoni li f'dan l-ahhar zmien urew il-partijiet bl-ghajnuna tad-diversi professjonisti. Hija t-tama ta' din il-Qorti illi deciz definittivament il-litigju ta' bejn il-partijiet, il-konflitt imut ghal kollox b'effett pozittiv fuq il-minuri.

Tenut kont ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, il-Qorti ma taqbilx illi una volta l-attrici giet liberata mill-akkuzi kriminali allura t-tifla ghandha terga tibda tirrisjedi maghha. Mis-sena 2012 it-tifla qed tirrisjedi ma' missierha b'access adegwat favur l-omm. Dan l-access jinkludi sleep overs u kien hemm okkazjonijiet fejn it-tifla anke siefret ghal vaganza ma' ommha.

Wara li hasbet fit-tul dwar dan l-aspett tal-vertenza, il-Qorti hija tal-fehma ferma illi ma jkunx fl-ahjar interess tal-minuri li r-residenza primarja taghha tigi spostata minghand il-missier ghal ghand l-omm.

Il-Psikologa Carmen Sammut, nominata mill-Qorti biex ' inter alia' taghmel rakkomandazzjonijiet taghha fl-ahjar interess tal-minuri kkonkludiet, Fol 340 li R hija psikologikament u emozzjonalment vulnerabbli, u dan minhabba l-esperjenzi difficli li kellha, li l-genituri taghha li tant xtaqet tarhom jaqblu, dejjem jiggieldu u hafna drabi minhabba fiha. It-tifla hi incerta dwar r-relazzjonijiet taghha mal-genituri taghha, u mat-tfal l-ohra li ommha kellha minn zewgha li mhux missierha. Hi tixtieq li thossha specjali u trid l-attenzjoni fuqha, u li jriduha ghax hi binthom u mhux biex isservi xi funzjoni ohra, bhal li tiehu hsieb l-ahhar wild li kellha ommha.

Billi R kienet iddikjarat maghha li tixtieq tibqa tghix mal-missier pero' tixtieq ukoll aktar hin ma' l-omm, bi sleepover fi tmiem il-gimgha darba ma ommha u darba ma missierha, il-Psikologa rrakkomandat li ghax-xhur li gejjin R tibqa' tghix ml-missier, b'access aktar ampju favur l-omm biex it-tifla tkun tista ssahhah relazzjoni tajba ma' hutha minghajr ma thoss li ghandha tikkompeti maghhom ghall-attenzjoni tal-omm. Irrakkomandat li l-minuri tibqa' tircevi l-ghajnuna terapewtika preferibilment bl-involviment taz-zewg genituri.

Hu indubbjament fl-ahjar interess tal-minuri, li jkollha relazzjoni tajba maz-zewg genituri, u bl-ghajnuna ta' assistenza professjonali, fl-assenza ta' proceduri gudizzjarji dwar l-istess minuri, wiehed jawgura li tonqos gradwalment il-vulnerabilita' psikologika u emozzjonali tal-minuri sakemm possibilment tigi kompletament eliminata.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi din l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza, billi prevja li tilqa' u tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut konformi ma' dak hawn deciz:-

1. Tichad parzjalment l-ewwel talba attrici u tordna li l-kura u kustodja legali, ossia l-awtorita' ta' genitur, fuq il-minuri R M imwielda fl-1 ta' Awissu 2003, ghandha tkun ezercitata miz-zewg genituri tal-minuri.

2. Tichad it-tieni talba attrici. Tordna li l-minuri R ghandha tirrisjedi primarjament mal-missier b'access favur l-omm bil-modalita' u bil-frekwenza kif deskritta taht l-intestatura "Access tal-Omm" b'dan illi l-partijiet huma awtorizzati illi minn zmien ghal zmien, bi ftheim, ivarjaw il-modalita' u l-frekwenza tal-access, bil-konsiderazzjoni primarja tibqa' x'inhu l-ahjar ghall-minuri.

3. Tichad it-tielet talba filwaqt li tordna li kull parti ghandha tiehu hsieb tal-ispejjez ghall-htigijiet ordinarji tal-minuri filwaqt li l-minuri tkun ma' din il-parti filwaqt li l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

Tordna li l-ispejjez tal-kawza jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**